**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum Il-Hamis, 7 ta' Ottubru, 2021**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 663/2015**

**Avukat Dr Sylvann Aquilina Zahra**

**vs**

**Marcel Pizzuto bhala Chairman tal-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur u in rapprezentanza tal-istess Awtorita, kif ukoll bhala Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur u in rapprezentanza tal-istess Bord, u b'digriet tal-14 ta' Ottubru 2019 Helga Pizzuto assumiet l-atti minflok Marcel Pizzuto; Joseph Camilleri bhala Chairman tas-Selection Panel, kif ukoll bhala Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili responsabbli mis-supervizjoni tal-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur; kif ukoll Paulanne Mamo u Joseph Callus bhala membri tal-istess Selection Panel; Il-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili in kwantu responsabbli ghad-direzzjoni generali u kontroll tal-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoniu ghall-Affarijiet tal-Konsumatur**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tas-7 ta' Lulju, 2015 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti Avukat Dr Sylvann Aquilina Zahra giet mahtura bhala Direttur Generali tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni fi hdan l-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (minn hawn 'il quddiem imsejha l-Awtorita) fis-sena 2011 u okkupat dina l-kariga b'success ghal tliet (3) snin, mit-23 ta' Mejju 2011 sat-22 ta' Mejju 2014. Qabel dina l-kariga, sa mis-sena 1996, l-esponenti

okkupat diversi karigi fl-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni fosthom bhala Direttur, Assistent Direttur, Senior Case Officer u Senior Legal Officer, u dan fost karigi ohra ta' natura legali fl-Ufficcju tal-Avukat Generali, fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u fid-Direttorat tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

2. Illi, kif jixhdu c-certifikati taghha, l-esponenti gradwat bhala avukat bl-ghola gradi mill-Universita ta' Malta fl-1995 u wara gradwat b'Magister Juris b'First Class mill-Universita' ta' Oxford fir-Renju Unit, fejn hemmhekk hi specjalizzat fid-dritt Ewropew u l-ligi dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti. Illi z-zewg tezijiet taghha biex tilhaq dawn id-degrees kienu ukoll fil-kamp dwar il-ligi tal-kompetizzjoni. Infatti l-ewwel tezi taghha kienet tikkonsisti fl-ewwel ricerka u analizi dettaljata li saret dwar il-Ligi tal-Kompetizzjoni f'Malta (Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta) fid-dawl tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Gheluq u terminazzjoni tal-kariga tal-esponenti bhala Direttur Generali tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni

3. Illi fit-23 ta' Mejju 2014, proprju l-ghada li ghalqu t-tliet snin tal-kariga taghha bhala Direttur Generali, l-intimat nomine Marcel Pizzuto, bhala Chairman tal-Awtorita, informa lill-esponenti b'email li hija ma kinitx ser tibqa' tokkupa l-kariga ta' Direttur Generali tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni u li huwa stess kien gie mahtur mill-intimata Ministru bhala Agent Direttur Generali ghall-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni b'effett minn dakinhar stess ta' dik il-komunika. Dan, wara li l-Ministru intimata qaghdet fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita, liema Bord l-istess Marcel Pizzuto kien dak iz-zmien u ghadu sallum jifforma parti integrali minnu bhala c-Chairman tieghu.

Il-Bidu ta' Process ta' Dixxiplina kontra l-esponenti Dr Aquilina Zahra permezz ta' Theddida ta' Warning mibghuta mic-Chairman

4. Illi biss sitt gimghat u nofs qabel kien ser jaghlaq it-terminu taghha bhala Direttur Generali, u cioe fis-7 ta' April 2014, l-intimat Marcel Pizzuto baghat ittra lill-esponenti Dr Aquilina Zahra li biha gharrafha li l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita kien bi hsiebu jarnministra warning (minn hawn 'l quddiem imsejjah process ta' dixxiplina) kontra taghha. Illi dan il-warning jew twiddiba l-istess Bord kien bi hsiebu jamministrah billi Dr Aquilina Zahra kienet irrifjutat li tissottometti rapport li l-imsemmi Bord kien qed jitlobha dwar inkjesta settorjali. Illi filfatt l-esponenti kienet cahdet minghajr ebda riserva li taghti dan ir-rapport lill-Bord u dan ghax l-inkjesta settorjali kienet ghadha pendenti u hi, bhala Direttur Generali, skond il-ligi, u cioe skond l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379 tal-ligijiet ta' Malta) u l-Att dwar l-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510 tal-Ligijiet ta' Malta) kienet projbita milli tghaddi xi informazzjoni dwar investigazzjonijiet u kazijiet, inkluzi inkjesti settorjali, li jkunu pendenti u ghadhom ghaddejjin quddiem l-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni lil kwalunkwe persuna jew awtorita inkluz lill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita.

5. Illi waqt li dan il-process ta' dixxiplina kien intiz biex jaghmel pressjoni illecita fuq l-esponenti biex hi tibza, iccedi u tghaddi l-informazzjoni rikjesta lill-Bord, jidher car ukoll illi dan il-process ta' dixxiplina, sar u sar proprju ftit taz-zmien qabel ma kien ser jaghlaq it-terminu taghha ta' tliet snin fil-kariga ta' Direttur Generali bil-hsieb li jippregudikha fil-pozizzjonl taghha bhala Direttur Generali tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni kemm ghal dak iz-zmien li kien fadal, kif ukoll fir-rigward tal-prospettiva futura fil-vicin illi hija terga' tokkupa din il-kariga.

6. Illi in oltre l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita kien bi hsiebu jamministra din it-twiddiba b'konsegwenza tal-fatt illi hu b'diversi modi u ghal ragunijiet varji ma gharafx jizen dak li tirrikjedi l-ligi minnu u mill-esponenti u kkommetta bosta zbalji serji, tant Ii l-esponenti hasset il-htiega li tattiralu l-attenzjoni u tispjegalu b'mod dettaljat dwar x'hemm stipulat fil-Iigi u liema principji kellhom isegwu, u dan peress li kien jidher car li l-Bord kellu diversi idejat zbaljati dwar dak li tirrikjedi l-Iigi, b'mod partikolari dwar il-htiega li l-esponenti twettaq il-funzjoni fdata lilha mil-Iigi bhala Direttur Generali tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni b'mod indipendenti u awtonomu.

7. Illi, fir-rigward ta' dan il-warning, il-Bord intimat naqas li jirrispetta u jsegwi l-ligijiet applikabbli ghall-kaz, u coie l-Public Service Management Code (minn hawn 'il quddiem 'PSMC'), l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 497 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur. Illi filfatt dan iI-process ta' dixxipIina kien bla bazi fis-sustanza tieghu u kien mizghud b'difetti ta' natura proceduraIi tant li filfatt dan il-process kien vessatorju, irritu, null u bla effett billi l-Bord inter alia agixxa ultra vires, kiser il-principji tal-gustizzja naturali u agixxa b'abbuz ta' poter u dan kif spjegat b'mod mill-iktar ampju l-esponenti fis-sottomissjonijiet taghha lill-Bord tal-Gvernaturi wara li rceviet it-theddida ta' twiddiba u li jgibu d-data tas-17 ta' April 2014 u 3 ta' Gunju 2014, liema sottomissjonijiet ser jingibu bhala provi waqt il-kawza.

8. Illi inoltre l-bidu ta' dan il-process ta' dixxipIina kien bi ksur tal-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Illi dak iz-zmien l-esponenti kienet ufficjal pubbliku detailed mal-Awtorita u ghaldaqshekk f'materja ta' dixxiplina kienu applikabli ghaliha r-regoli li japplikaw lill-ufficjali pubblici. Illi l-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi:
"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, is-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi, u Ii jezercita kontroll dixxiplinari fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jagixxu f'xi karigi bhal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:
Izda l-Prim Ministru jista', billi jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jiddelega bil-miktub, salvi dawk il-kondizzjonijiet li jistghu jkunu specifikati fid-dokument ta' delega, kull wahda mis-setghat imsemmija f'dan is-subartikolu lil dak l-ufficjal pubbliku jew awtorita ohra kif jista' jkun specifikat fid-dokument. [emfazi mizjud]

9. Illi r-Regolamenti tal-Procedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Const. 03) fir-Regolament 9 jistipula s-segwenti:
"Kull meta I-ufficjal pubbliku li kontra tieghu jkunu se jittiehdu procedimenti dixxiplinarji jkun qed iservi f'ufficcju jew stabbiliment li ma jaghmilx parti minn xi dipartiment tal-Gvem, il-Kap tas-Servizz Pubbliku ghandu jiehu dik l-istess azzjoni bhalma Kap ta' Dipartiment ghandu s-setgha li jiehu skond dawn ir-Regolamenti:
Izda I-Prim Ministru li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jista' jiddelega dik is-setgha lill-ufficjal anzjan ta' dak l-ufficcju jew stabbiliment taht dawk il-kundizzjonijiet li jistghu jigu specifikati fid-delega ta' awtorita."

10. Illi skond il-PSMC, dak iz-zmien li nbdew il-proceduri kontra I-esponenti, I-ufficjal delegat mill-Prim Ministru fuq ufficjali pubbIici li jahdmu fI hdan awtoritajiet bhall-Awtorita kien is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru li tahtu tkun taqa' I-awtorita u dan kif l-esponenti spjegat fis-sottomissjonijiet taghha lill-Bord tal-Awtorita fil-process ta'

dixxiplina datati 3 ta' Gunju 2014. Ghaldaqstant, il-Bord tal-Awtorita meta beda il-process tad-dixxiplina kien qed jikser il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni billi l-imsemmi Bord ma kellux id-delega necessarja skond il-Kostituzzjoni.

11. Illi l-Bord tal-Awtorita naqas ukoll li josserva r-Regolament 6 tal-Procedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Const. 03) meta naqas li jindika lill-esponenti taht liema Regolament kienu qed isiru l-proceduri u fit-tieni ittra tieghu f'dawn il-proceduri l-imsemmi Bord mhux talli ma indikax x'inhuma il-passi li ser jittiehdu talli irriserva "li jiehu dawk id-decizjonijiet u l-passi kollha li jidhirlu opportuni fir-rigward".

12. Illi l-esponenti Dr Aquilina Zahra, kif kien xieraq, ghazlet li tibqa' ssegwi strettament id-disposizzjonijiet tal-ligi u li ma ccedix ghall-pressjoni illecita li l-Bord tal-Gvernaturi pprova jezercita fuqha, u dan avolja hija setghet tanticipa x-xorta ta' hsara li l-Bord seta' jikkawzalha, partikolarment fil-kariga ta' Direttur Generali tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni, liema kariga kienet waslet biex tigi rinovata f'qasir zmien.

13. Illi, filfatt, il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita qatt ma kellu l-kortesija li jikkonkludi dan il-process ta' dixxiplina li beda billi hu qatt ma informa lill-esponenti x'kienet id-decizjoni tieghu wara li l-esponenti hadet l-izbrigu li taghti s-sottomissjonijiet taghha ghal darbtejn kif rikjesta minnha mic-Chairman. Illi infatti kien obbligu tal-Bord li jinforma b'mod mill-aktar spedit lill-esponenti dwar l-ezitu tal-imsemmi process u dan skond il-principji ta' amministrazzjoni gusta u ekwa. Izda l-Bord tal-Gvernaturi gie f'posizzjoni li ma setghax jikkomunika l-ezitu ta' dan il-process jew li jirtira t-theddida tieghu ta' warning, ghaliex altrimenti kien johrog bic-car li l-esponenti kellha ragun it-triq kollha u li hu l-istess Bord kien ingust u zbalja grossament fil-konfront tal-esponenti. Apparti li, li kieku kellu l-Bord jammetti li l-ebda warning ma kien misthoqq mill-esponenti, l-effett ta' hsara li kien intiz li jkollha din it-theddida ta' warning biex l-esponenti tkun tista terga' tigi kkonfermata bhala Direttur Generali (Kompetizzjoni) kienet tisfuma fix-xejn.

14. Illi, anki qabel irceviet din it-theddida ta' warning l-esponenti kienet gia spjegat b'mod dettaljat lic-Chairman illi hi ma setghetx timxi mal-istruzzjonijiet tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita u taghtih l-informazzjoni li ried ghax jekk taghmel hekk hi kienet tkun qed tikser il-ligi.

15. Illi l-esponenti dejjem zammet lill-intimati Ministru u Segretarju Permanenti Joseph Camilleri nfurmati bil-process ta' dixxiplina kollu u ikkupjati bil-korrispondenza bejnha u c-Chairman dwar dan il-process u bis-sottomissjonijiet tal-esponenti f'dan il-process, u dan stante r-rwol taghhom skont l-artikolu 12(2) tal-Kap. 510. Illi filfatt bil-process ta' dixxiplina kien anki mgharraf is-Segretarju Permanenti Principali, is-Sur Mario Cutajar, li wkoll gie ikkupjat bis-sottomissjonijiet tal-esponenti. Illi mhux talli ma ttiehdu l-ebda passi kontra l-Bord tal-Awtorita ai termini tar-Regolamenti tal-Procedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Const. 03) talli dan kien qed jezercita pressjoni illecita fuq ufficjal pubbliku, talli s-Segretarju Permanenti naqas li jara li hu jew il-Bord tal-Awtorita jinforma lill-esponenti dwar l-ezitu ta' dan il-process.

16. Illi, infatti l-esponenti dejjem gharfet ukoll bil-pregudizzju serju li kien ihaddan fil-konfront taghha il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita lill-intimati Ministru u Segretarju Permanenti Joseph Camilleri. Dan ghaliex, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, din

ma kenitx l-ewwel darba li l-esponenti fil-kariga taghha ta' Direttur Generali, bil-ghan li hi tibqa' taqdi l-funzjonijiet taghha skont il-ligi, kellha tieqaf ghall-pressjoni illecita ezercitata mill-Bord.

17. Illi wkoll kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, anki fil-perjodu ta' wara li l-esponenti ma kinitx ghadha Direttur Generali, kien hemm bosta cirkostanzi li komplew jirrendu l-hidma taghha fl-Ufficcju difficli, bhal per ezempju t-tentattivi li kien hemm biex l-Ufficcju jmur kontra l-posizzjoni li kien ha qabel l-istess Ufficcju taht it-tmexxija tal-esponenti. Mill-banda l-ohra, f'kazijiet u cirkostanzi fejn kien jidhirlu hu, l-intimat Marcel Pizzuto baqa' jitfa' l-piz u r-responsabbilta tat-tmexxija tax-xoghol tal-Ufficcju fuq spallejn l-esponenti, daqslikieku hija kienet ghadha tmexxi bhala Direttur Generali, filwaqt li l-intimat Marcel Pizzuto ma kienx jikkontribwixxi kostruttivament sabiex l-investigazzjonijiet u x-xoghol jitmexxew ‘il quddiem, meta dan issa kien sar funzjoni li kellha titwettaq minnu bhala Agent Direttur Generali.

18. Illi f'dawn ic-cirkostanzi, l-esponenti hasset li ma setghetx tkompli taqdi l-funzjonijiet taghha f'dak l-Ufficcju, tant saret impossibbli l-hidma taghha f’dawk ic-cirkostanzi intolerabbli, li fid-29 ta' Lulju 2014 hija baghtet lill-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur ittra ta' temm ta' impjieg, liema ittra intbaghtet ukoll lill-Ministru intimata u lill-intimat Joseph Camilleri u lis-Segretarju Permanenti Principali. F'dawk ic-cirkostanzi, it-temm ta' impjieg ma kien xejn ghajr "constructive dismissal".

Il-Ligi Applikabbli, Is-Sejha ghall-Applikazzjonijiet u l-Process tal-Ghazla, inkluz s-sussegwenti Rizultat

- Il-Ligi Applikabbli

19. Illi l-artikolu 38 tal-Kap. 510 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:
"Minghajr hsara ghad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, kull ligi applikabbli ghaliha u minghajr hsara ghad-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-Att, l-impieg u natra ta' ufficjali u impjegati ohra tal-Awtorita ghandhom isiru mill-Bord u t-termini u l-kondizzjonijiet tal-impieg u l-hatra taghhom ghandhom jigu stabbiliti mill-Bord bi qbil mal-Ministru:
Izda illi, minkejja l-artikolu 12(8), ghall-finijiet tas-subartikolu (1), il-Bord ghandu jsewgi kull direttiva jew linji ta' gwida mahruga taht l-artikolu 38(1)(6), (d) u (e) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika." (emfazi mizjud)

20. Illi l-artikolu 13 tal-Kap. 510 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li:
"(1) Ghandu jigi mwaqqaf ufficcju, li jkun maghruf bhala l-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni, li ghandu jkun immexxi mid-Direttur Generali (Kompetizzjoni).
(2) Id-Direttur Generali (Kompetizzjoni) ghandu jkun persuna bi kwalifiki professjonali, kompetenza rikonoxxuta, esperjenza u specjalizzazzjpni fil-kamp tal-ligi tal-kompetizzjoni, u, jew fl-ekonomija tal-organizzazzjoni industrijali, u, preferibbilment, b'gharfien tal-affarijiet tal-konsumatur, u ghandu jigi mahtur mill-Bord wara konsultazzjoni mal-Ministru, ghal perjodu ta' tliet snin u dan il-perjodu jista' jigi mtawwal ghal perjodi ohra ta' tliet snin kull wiehed:
Izda l-ewwel Direttur Generali (Kompetizzjoni) ghandu jigi mahtur mill-Ministru." [emfazi mizjud]

21. Illi meta wiehed jistudja bir-reqqa l-Att dwar il-Kompetizzjoni u r-responsabilitajiet li ghandu d-Direttur Generali (Kompetizzjoni) taht dan l-Att wiehed immedjatament jista' jifhem ghalxiex il-legislatur hass il-htiega li jimponi r-rekwiziti stipulati fl-artikolu

13 tal-Kap. 510. Ir-responsabilitajiet li ghandu d-Direttur Generali (Kompetizzjoni) taht l-Att dwar il-Kompetizzjoni huma principalment ta' natura legali, tali li wiehed preferibilment irid ikun kwalifikat bhala avukat u l-materja tal-ligi in kwistjoni tirrikjedi specjalizzazzjoni fil-kamp tal-ligi dwar il-kompetizzjoni u fin-nuqqas li mhux avukat irid ikun semmai ekonomista wkoll specjalizzat f'dik il-qasam tal-ekonomija l-aktar relevanti fl-applikazzjoni tal-ligi dwar il-kompetizzjoni.

22. Illi l-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fir-rigward ta' hatriet fis-settur pubbliku, bhal ma hija l-Awtorita jiddisponi illi:
"Dhul f'impiegi ma' kull korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew b'xi ligi jew taht xi ligi ohra, u ma' kull socjeta jew korp iehor li fill il-Gvern ta' Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, ghandu, kemm-il darba dak id-dhul ma jkunx sar wara ezami pubbliku li jkun gie avzat kif imiss, isir permezz tas-servizz ghall-impjegar kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu."

23. Illi l-artikolu 110(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li 'servizz ghall-impjegar' provdut minn fondi pubblici irid "jizgura li ebda distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza ma jsiru jew jinghataw favur jew kontra xi persuna minhabba l-fehma politika taghha u liema servizz jipprovdi opportunita ghall-impiegi biss fl-ahjar interessi tas-servizz pubbliku u tan-nazzjon in generali."

24. Illi l-Att dwar il-Kompetizzjoni u r-responsabilitajiet tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) huma intizi biex jipprotegu l-interess pubbliku billi jharsu principalment kontra prattici li jirristringu l-kompetizzjoni fis-suq bhal ma huma arrangamenti anti-kompetittivi bejn kompetituri u abbuz ta' dominanza minn intraprizi b'sahhithom li jaghmlu hsara lill-konsumaturi u intraprizi ohra u lill-ekonomija tal-pajjiz.

25. Illi fir-rigward tal-process tal-ghazla, inkluz is-sussegwenti rizultat, jidher li l-intimati l-providimenti tal-ligi fuq kwotati l-anqas biss qisuhom, kif ser jigi spjegat hawn taht u fil-kors tal-kawza.

-Is-Sejha ghall-Applikazzjonijiet u l-Process tal-Ghazla, inkluz is-sussegwenti Rizultat
26. Illi fil-5 ta' Mejju 2014, l-esponenti kienet gibdet l-attenzjoni tal-intimata Ministru illi kellhom jinhargu Sejhiet ghal Applikazzjonijiet f'diversi karigi fl-Awtorita b'mod urgenti billi l-karigi kienu waslu biex jaghlqu biz-zmien, fi zmien tliet gimghat, u dan wara li l-Bord tal-Gvernaturi kien naqas li johrog din is-Sejha f'waqtha ferm qabel Mejju 2014. Illi, sussegwentement, l-intimati Bord tal-Gvernaturi ghaxart ijiem biss qabel ma ghalaq iz-zmien u cioe fit-12 ta' Mejju 2014, ippubblikaw diversi Sejhiet ghal Applikazzjonijiet, fosthom dik biex tintela' l-kariga ta' Direttur Generali tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni fi hdan l-Awtorita b'kuntratt ghal perjodu iehor ta' tliet snin.

27. Illi r-rikorrenti applikat ghal dina s-Sejha li kienet tirrikjedi "A post-graduate degree (Masters') at MQF Level 7 in competition law and/or economics or an appropriate, recognised, comparable qualification, plus five (5) years relevant work experience of which two (2) years must be in a management position; or A first degree at MQF Level 6 in law and/or economics, or an appropriate, recognised, comparable qualification plus seven (7) years relevant work experience of which two (2) years must be in a management position; or Public Officers in a Scale not below Scale 7 with ten (10)

years relevant work experience of which two (2) years must be in a management position."

28. Illi gia hu evidenti li s-Sejha ghall-Applikazzjonijiet ma kinitx tassigura r-rekwiziti mehtiega mill-provvedimenti tal-ligi fuq kwotati. Illi ghaldaqstant fl-applikazzjoni taghha ghal din is-Sejha, l-esponenti Dr Sylvann Aquilina Zahra ddikjarat: "I qualify under all three alternative paragraphs of the call for applications, but, more importantly, I satisfy all the four cumulative requirements imposed by the law itself in article 13(2) of the MCCAA Act which provides that the Director General (Competition) shall be a person with (i) professional qualifications, (ii) recognised competence, (iii) experience and (iv) specialisation in the domain of competition law and/or industrial organisation economics and, preferably, with knowledge of consumer matters." Fl-applikazzjoni taghha, l-esponenti mbaghad spjegat b'mod ampju kif hija tissodisfa dawn il-kriterji kollha imposti mil-Kap. 510 ghal dina l-kariga.

29. Illi wara li l-applikazzjoni taghha skont l-imsemmija Sejha ghal Applikazzjonijiet waslet ghand l-Awtorita, l-esponenti giet imsejha biex tattendi ghal interview permezz ta' avviz datat 18 ta' Settembru 2014. Illi skont l-avviz ricevut, "You are kindly being requested to attend for a formal interview with the selection board in the third and final phase of this selection process." (emfazi mizjud)

30. Illi l-esponenti attendiet ghal dan l-interview kif rikjest fil-14 ta' Ottubru 2014 quddiem is-Selection Board, maghmul mill-intimati Joseph Camilleri, Joseph Callus u Paulanne Mamo, hekk mahtur biex jaghmel dawn l-interviews.

31. Illi, aktar minn erba' xhur wara li saru dawn l-interviews, b'ittra datata 9 ta' Jannar 2015 iffirmata mill-intimat Marcel Pizzuto, Chairman, l-esponenti giet infurmata:
"I refer to interviews held by a Selection Panel entrusted with the assessment of prospective candidates to fill the post of Director General (Competition).
As a result of the report submitted by the Selection Panel, I have to inform you that you have failed in the interview held for the above-mentioned post."

32. Illi l-esponenti tqis il-process tal-ghazla, inkluz il-konsegwenti rizultat, bhala wiehed illegali, vizzjat u invalidu, imnigges b'mala fede. Hi taf illi s-Selection Panel ma qeghdiex il-funzjoni tieghu sew, kif ukoll li kien hemm indhil minn barra s-Selection Panel, u dan kif ser jigi spjegat hawn taht u ppruvat fil-kors tal-kawza.

33. Illi b'ittra datata 23 ta' Jannar 2015, l-esponenti talbet konferma dwar il-veracita tar-rizultat kommunikat lilha, il-breakdown tal-marki, il-motivazzjonijiet ghalxiex wehlet u access ghar-rizultat ippublikat, minghand Joe Camilleri bhala Chairman tas-Selection Panel u Segretarju Permanenti fil-Ministeru.

34. Illi fis-6 ta' Frar 2015, l-istess Segretarju Permanenti Joe Camilleri kiteb hekk:
"Further to my email of the 26th January 2015, I would like to inform you that given that as a Selection Board we were reporting to the Board of Governors of the MCCAA, I have forwarded your request for their consideration and direction.
As soon as I receive that direction I will act immediately according to their instructions.
"

35. Illi fit-23 ta' Frar 2015, l-intimat Marcel Pizzuto, u mhux l-intimat Joseph Camilleri wiegeb lill-esponenti fejn qalilha:
"I refer to your mail to Mr Joseph Camilleri, Chairman of the Selection Panel entrusted with the assessment of prospective candidates to fill the post in caption which mail has been referred to the Board of Governors.
Please find attached the breakdown of marks you obtained for each selection criteria as well as the actual global mark."

36. Illi fil-25 ta' Frar 2015, ir-rikorrenti regghet kitbet lill-intimat Joe Camilleri u staqsiet:
"I refer to the attached result sent to me by Mr Pizzuto with the e-mail below, which e-mail was also copied to you.
I would like you to confirm to me whether this is the actual result drawn up by the Selection Panel, consisting of yourself as Chairman and Mr Joseph Callus and Ms Paulanne Mamo as members, following the interview held on 14 October 2014.
I would also like you to explain to me what was exactly the role of the MCCAA Board of Governors in this selection process and what you mean by the words used in your email dated 6 February 2015 that as a Selection Board you were reporting to the Board of Governors of the MCCAA.
Finally, kindly let me know whether the results of the interviews for this post were published and in that case where I can access the results."

37. Illi wara li l-intimat Joe Camilleri rega' irrefera l-mistoqsijiet tal-esponenti lill-intimat Marcel Pizzuto, dan tal-ahhar irrisponda hekk:
"I refer to your mail sent to Permanent Secretary (MSDC) and also Chairman of the Selection Panel which has been referred to the Board of Governors.
I have to confirm that the result communicated to you by means of my letter dated 9th January 2015 is the actual result forwarded to the Board of Governors by the Selection Panel, chaired by Mr Joseph Camilleri and having as its members Mr Joseph Callus and Ms Paulanne Mamo.
Kindly note that the Board of Governors entrusted the Selection Panel with the assessment of prospective candidates to fill the post of Director General (Competition).
Finally please note that the results of the interviews were not published but communicated individually to those candidates who sat for the interview."

38. Illi filfatt minn din il-korrispondenza jidher li ma kienx minnu li l-interview kien 'the third and final phase of the selection process' kif gie ikkomunikat lill-esponenti kif kwotat aktar 'l fuq fil-paragrafu 29, billi jidher li s-Selection Panel kien ghad irid jirraporta lill-Bord tal-Gvernaturi.

39. Illi, minbarra d-dipendenza ferm evidenti tac-Chairman tas-Selection Panel fuq ic-Chairman tal-Awtorita u fuq il-Bord tal-Gvernaturi, il-pass mark giet komunikata ghall-ewwel darba lill-kandidati wara li nhareg ir-rizultat u mhux qabel. Dan kien jippermetti kull xorta ta' abbuz, fosthom illi l-pass mark tigi 'aggustata' biex jigi manipulat ir-rizultat. Barra minn hekk, ir-rizultati qatt ma gew ippubblikati biex ikun hemm trasparenza, izda gew komunikati individwalment lill-kandidati. Ir-rizultati provduti lill-esponenti fihom infushom ikopru ghadd ta' difetti li jirrenduhom nulli, invalidi u bla effett, kif jista' jigi ppruvat mill-esponenti fi proceduri gudizzjarji.

40. Illi parti mill-kriterji u l-weighting li nghata mis-Selection Panel lil kriterji li qaghad fuqhom biex issir l-ghazla, kif johrog mir-rizultat ikkomunikat lill-esponenti, ma jirreflettux il-kriterji li wiehed ghandu jkollu biex jilhaq Direttur Generali tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni skond il-Kap. 510 u l-Kap. 379. Infatti l-kriterji maghzula u l-weighting, flimkien mal-passmark kienu manipulati b'tali mod biex jassiguraw li l-esponenti ma tghaddiex mill-interview u konsegwentement ma tintghazilx. Illi, in oltre, bir-rispett kollu l-marki li inghataw anki ghall-kriterji li intaghzlu mis-Selection Panel sfaccatament u irragonevolment ma jirriflettux il-kwalifici, il-kapacitajiet u l-esperjenza tal-esponenti. Illi ghaldaqstant apparti li l-process tal-ghazla u s-segwenti rizultat huma illegali ghax imorru kontra l-Kap. 510 u l-Kap. 379, dawn imorru wkoll kontra l-provvedimenti tal-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fuq kwotati, billi ma giex assigurat li l-htigijiet ta' din il-hatra jkunu jistghu jinqdew sew fl-interess tas-settur pubbliku, tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni u fl-interess tan-nazzjon in generali. Dan apparti li zgur li l-process tal-ghazla u l-konsegwenti rizultat ma jirriflettiex il-'merit principle' li skond il-principji ta' 'good administration' ghandu dejjem jigi segwit b'mod partikolari fis-settur pubbliku.

41. Illi in oltre l-esponenti ssostni li s-sejha ghall-applikazzjonijiet u l-process tal-ghazla ma kienu xejn ghajr 'screen' intizi biex jaghtu l-ideja li l-process tal-ghazia kien ser ikun wiehed gust meta filfatt kien ga kollox orkestrat minn qabel mill-intimati. Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponenti issostni li l-process tal-ghazla, inkluz ir-rizultat lilha ikkomunikati kienu irragonevoli u imniggsin b'qerq.

42. Illi l-esponenti ssostni illi ga minn qabel ma saret is-Sejha ghal Applikazzjonijiet u tul il-process tal-ghazla kollu sakemm inhareg ir-rizultat, kien hemm qbil bejn l-intimati nomine li hija ma kellhiex tintghazel ghall-kariga. Dan primarjament, ghax, kif uriet tul il-process ta' dixxiplina bir-reziztenza taghha li tilqa' t-talba illecita ghall-informazzjoni dwar l-inkjesta settorjali, l-esponenti ma kinitx persuna konvenjenti li lesta takkommoda izda kienet persuna li kienet dejjem tinsisti li topera at arm's length mill-Bord tal-Gvernaturi u mill-Gvern sabiex tippreserva l-awtonomija fil-qadi tad-dmirijiet taghha skont il-ligi, u kienet persuna retta li taqdi l-funzjonijiet taghha skont il-ligi f'kariga li kienet tinvolvi poteri kwazi-gudizzjarji fuq kazijiet sensittivi u decizjonijiet dwar ksur tar-regoli dwar il-kompetizzjoni kemm taht il-ligi ta' Malta kif ukoll dik Ewropea minn intraprizi, b'detriment ghas-swieq u l-konsumaturi. Infatti, il-provvedimenti u l-ispirtu tal-Kap. 379 u l-Kap. 510 tal-Ligijiet ta' Malta li jvestu r-responsabilitajiet tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni f'persuna indipendenti u awtonoma, kienu proprju intizi biex jassiguraw illi ma jkunx hemm indhil u pressjoni esterna fosthom mill-Gvern u mill-Bord tal-Gvernaturi stess f'kamp fejn l-indipendenza u l-awtonomija huma daqshekk krucjali. Dan apparti l-pregudizzju serju li l-Bord tal-Gvernaturi mmexxi mic-Chairman tieghu Marcel Pizzuto kien ihaddan fil-konfront taghha, tant li anki wasal biex jheddida illegalment b'warning kif ga spjegat aktar ‘il fuq, u liema Bord kellu influwenza deciziva fuq is-Selection Panel.

43. Illi infatti l-pregudizzji serju li kellu l-Bord tal-Awtorita kif ukoll l-intimati l-ohra kontra l-esponenti kien gie anki manifestat meta, kif spjegat aktar il-fuq fil-paragrafu 3, fl-eghluq it-terminu tat-tliet snin fil-kariga ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni), il-Bord tal-Gvernaturi, wara konsultazzjoni mal-Ministru intimata, ippreferew jappuntaw Agent Direttur Generali (Kompetizzjoni) lill-intimat Marcel Pizzuto sakemm jintghazel d-Direttur Generali l-gdid wara l-process tal-ghazla, u dan avolja l-intimat Marcel Pizzuto ma jissodisfax il-kriterji tal-ligi biex jilhaq Direttur Generali (Kompetizzjoni) milli, kif inhu

l-prassi fis-settur pubbliku, jiehdu t-triq l-aktar logika u li kienet tizgura ahjar il-kontinwazzjoni u t-transizzjoni facli tax-xoghol, u tappunta lill-esponenti stess Agent Direttur Generali (Kompetizzjoni) sakemm jintemm il-process tal-ghazla. Din id-decizjoni tal-imsemmi Bord wara konsultazzjoni mal-Ministru intimata fiha nfisha kienet ga qed turi li l-esponenti ma kinitx mixtieqa f'dik il-kariga u li l-intimati riedu jwarrbuha minn dik il-kariga mill-aktar fis possibli.

44. Illi, jidher ukoll bic-car, li l-esponenti, kif ukoll il-kandidat l-iehor ukoll avukat li ghamell-istess interview, kellhom jigu bilfors imwahhlin fl-interview ghax inkella ma kienx ikun possibli li tigi akkomodata persuna ohra li kif l-esponenti ircevew ir-rizultat li huma wehlu fl-interview, giet appuntata Agent Direttur Generali (Kompetizzjoni). Ghalhekk kien hemm bzonn li l-esponenti u l-kandidat l-iehor jigu issagrifikati minhabba din il-hatra.

45. Illi jehtieg jinghad ukoll, fid-dawl tal-fatti esposti hawn fuq, illi kemm l-intimat Ministru kif ukoll l-intimat Segretarju Permanenti naqsu serjament mir-responsabbilta li l-ligi timponi fuqhom skont l-artikolu 12(2) tal-Kap. 510 tal-Ligijiet ta' Malta, billi, filwaqt li kienu jafu ben sew x'kien qed jigri, partikolarment bil-pregudizzju serju li kien hemm kontra l-esponenti Dr Aquilina Zahra, tali li kien hemm qbil li din ma kellhiex tintghazel, u li kellu jigi akkomodat persuna ohra kif gia spjegat, huma naqsu li jassiguraw illi l-process tal-ghazla jkun wiehed immexxi skont il-ligi u bi trasparenza, wiehed imparzjali, ekwu u gust. Dan qed jinghad b'mod partikolari fil-konfront tal-intimat Segretarju Permanenti li kien koinvolt sew fil-process kollu u dan bhala Chairman tas-Selection Panel, u konsegwentement ghandu responsabbilta kbira x'jerfa'.

46. Illi jinghad ukoll illi meta l-intimat Joseph Camilleri agixxa ta' Chairman tas-Selection Panel li kien jirraporta lill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita huwa svesta lilu innifsu unilateralment u arbitrarjament mir-responsabilita ta' supervizzjoni tal-Awtorita li huwa ghandu bhala Segretarju Permanenti taht il-Kap. 510 tant li ma baqax jista’ jiskrutinja lill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita f'dan il-process ta' ghazla, izda bil-kuntrarju gie soggett ghad-decizjoni finali tal-istess Bord. Ghaldaqstant, id-decizjoni li l-intimat Segretarju Permanenti Joe Carnilleri jkun Chairman tas-Selection Panel li kien jirraporta lill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita tmur kontra l-Kap. 510 tal-Ligijiet ta' Malta u tirrendi l-formazzjoni tas-Selection Panel mhux valida skond il-ligi.

47. Illi l-esponenti mhijiex lesta taccetta rizultat illegali u li gie miksub b'raggiri u qerq.

48. Illi bhala rizultat tal-agir tal-esponenti hawn fuq deskritt gew rekati danni lill-esponenti kif ser jigi ppruvat fil-kawza.

49. Illi permezz ta' protest gudizzjarju datat 4 ta' Gunju 2015, l-intimati gew debitament interpellati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi biex fi zmien gimgha jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni u li fin-nuqqas l-esponenti kienet ser tipprocedi b'kawza ghall-harsien tad-drittijiet taghha.

Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tistharreg il-validita tal-imsemmi ghemil amministrattiv, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1) Tiddikjara illi l-ghemil amministrattiv rigwardanti l-process tal-ghazla ghall-hatra ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni), inkluz is-sussegwenti rizultat ikkomunikat lill-esponenti, hawn fuq deskritt, huwa ultra vires billi jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-intimati jew min minhom billi dan sar ghal ghanijiet mhux xierqa u kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti u kwindi tali ghemil ghandu jigi dikjarat null, invalidu, u minghajr effett ai termini tal-artikolu 469A(I)(b)(iii) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Tiddikjara illi l-ghemil amministrattiv rigwardanti l-process tal-ghazla ghall-hatra ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni), inkluz is-sussegwenti rizultat ikkomunikat lill-esponenti, hawn fuq deskritt, huwa ultra vires, billi fit-twettiq tal-att amministrativ l-intimati jew min minnhom agixxew in mala fede jew b'mod mhux ragonevoli u kwindi tali ghemil ghandu jigi dikjarat null, invalidu, u minghajr effett ai termini tal-artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Tiddikjara illi l-ghemil amministrattiv rigwardanti l-mod kif gie kompost is-Selection Panel u kif qeda r-rwol tieghu u l-ghemil amministrattiv rigwardanti l-process tal-ghazla ghall-hatra ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni), inkluz is-sussegwenti rizultat ikkomunikat lill-esponenti, hawn fuq deskritti, huma ultra vires billi jmorru mod iehor kontra l-ligi billi jiksru l-provvedimenti tal-Kap. 510, imorru kontra l-principji ta' amministrazzjoni pubblika tajba u huma proceduralment vizzjati u kwindi tali ghemili ghandhom jigu dikjarati nulli, invalidi, u minghajr effett ai termini tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) u (iv) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Tiddikjara illi l-ghemil amministrattiv rigwardanti s-Sejha ghall-Applikazzjonijiet, l-process tal-ghazla u l-konsegwenti rizultat ikkomunikat lill-esponenti hawn fuq deskritt huwa bi ksur tal-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u per konsegwenza ghandu jigi dikjarat null, invalidu, u minghajr effett ai termini tal-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Tiddikjara illi l-ghemil amministrattiv rigwardanti l-process ta' dixxiplina li nbeda fil-konfront tar-rikorrenti hawn fuq deskritt huwa bi ksur tal-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u per konsegwenza ghandu jigi dikjarat null, invalidu, u minghajr effett ai termini tal-artikolu 469A(1)(a);

6) Tiddikjara li l-esponenti sofriet danni per konsegwenza tal-ghemejjel amministrattivi hawn fuq imsemmija stante li l-intimati wettqu "delitt jew kwazi delitt li johrog mill-att amministrattiv" skont is-subinciz (5) tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli ghall-hlas tad-danni a tenur tas-subinciz (5) tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tillikwida l-istess danni u tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti lill-attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju tal-4 ta' Gunju 2015, kontra l-intimati jew min minnhom, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti ma ghandha ebda gurisdizzjoni biex tissindika l-organizzazzjoni interna ta' awtorita tal-Gvern skont l-artikolu 469A(2) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) billi mizuri

li jirrigwardjaw l-organizzazzjoni interna tad-Dipartimenti u l-awtoritajiet tal-Gvern huma eskluzi mid-definizzjoni ta' "att amministrattiv" f'dak l-artikolu u jaqghu barra s-sindikabilita gudizzjarja;

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju, l-eccepjenti Marcel Pizzuto bhala Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita, il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita, Joseph Camilleri bhala Chairman tas-Selection Panel u bhala Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili, Paulanne Mamo, Joseph Callus u l-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili mhumiex il-legittimi kontraditturi ai termini tal-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju wkoll, ir-rikorrenti ghandha tipprova l-interess guridiku taghha fit-talbiet impustati kif mehtieg bil-ligi,

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, in kwantu diretta kontra l-membri tal-bord tal-ghazla, din l-azzjoni hija improponibbli billi dan il-bord kien mahtur mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita biex jaghtih rakkomandazzjoni, u mhux biex jezercita l-poteri ta' ghazla ta' Direttur Generali (Ufficcju tal-Kompetizzjoni) minflok il-Bord tal-Gvernaturi.

5. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju wkoll, in kwantu diretta kontra s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru intimat, l-azzjoni odjerna ta' stharrig gudizzjarju hija improponibbli stante li l-agir mertu tal-kawza ma twettaqx minnu, u lanqas kien jaqa' fil-mansjonijiet tieghu, u konsegwentement l-istess Segretarju Permanenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

6 .Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:
(a) l-eccepjent Chairman tal-Awtorita, u l-Bord tal-Gvernaturi, imxew u osservaw dak rikjest minnhom bil-ligijiet vigenti. Il-process tal-ghazla ghall-hatra ta' Direttur Generali (Ufficcju tal-Kompetizzjoni) bl-ebda mod ma kien imtebba' b'abbuz tas-setghat u poteri fdati f'idejn dawn l-eccepjenti, ma sarx ghal ghanijiet mhux xierqa u lanqas ma kien b'xi mod imsejjes fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti;
(b) Illi skont l-Att dwar l-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510 tal-Ligijiet ta' Malta), ir-rikorrenti kienet giet maghzula mill-Ministru responsabbli u hekk mahtura bhala l-ewwel Direttur Generali (Ufficcju tal-Kompetizzjoni), u dan minghajr ebda process ta' ghazla;
(c) Illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, hija ma kienet soggetta ghal ebda process ta' dixxiplina, pero kienet intalbet mill-Bord tal-Gvernaturi sabiex taghti spjegazzjoni ghal nuqqasijiet taghha;
(d) Illi kienet ir-rikorrenti stess illi, minn jeddha u b'ghazla taghha, fid-29 ta' Lulju 2014, irrizenjat mill-post taghha mal-Awtorita u accettat ghas-saldu l-hlas ta' dak kollu li kien dovut lilha in konnessjoni mal-impjieg taghha;
(e) Illi l-eccepjent Chairman tal-Awtorita, flimkien mal-Bord tal-Gvernaturi, kienu waqqfu bord ta' ghazla ad hoc sabiex, kuntrarjament ghal dak li kien gara meta r-rikorrenti inhatret Direttur Generali (Ufficcju tal-Kompetizzjoni), imexxi process indipendenti, u jirrakomanda lill-Bord ta' Gvernaturi kandidat mill-applikanti li jissodisfa r-rekwiziti mehtiega biex jokkupa din il-posizzjoni. Dan il-bord ad hoc ezegwixxa l-

inkarigu tieghu, u ressaq ir-rakkomandazzjonijiet finali, bl-ispjegazzjoni shiha tal-process tal-ghazla, lill-Bord tal-Gvernaturi, li addotta dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

7. Fil-mertu wkoll, u konsegwentement, in kwantu diretta biex takkolla lill-eccepjenti responsabbilta ghal xi danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, din l-azzjoni hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

8. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju, ma jirrikorri ebda mala fede fl-eccepjenti fit-termini tal-art. 469A(5) tal-Kap. 12 li b'xi mod jesponihom ghar-responsabbilta civili ghad-danni kif pretiz mir-rikorrenti.

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

10. Bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkonsidrat;**

Din hija kawza ta' stharrig gudizzjarju f'eghmil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta mibdija mill-attrici permezz ta' liema qed tilmenta illi l-konvenuti agixxew ultra vires ghal diversi ragunijiet fil-process tal-ghazla ghall-hatra ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni) fi hdan l-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur u li wkoll aggixxew abbuzivament meta inizjaw proceduri dixxiplinari kontra taghha. L-attrici kienet tokkupa r-rwol ta' Direttur Generali fl-ufficcju tal-Kompetizzjoni bejn l-2011 u l-2014, meta spicca t-terminu tal-appuntament taghha skont il-ligi. Peress illi l-Awtorita kienet giet imwaqqfa proprju fl-2011, din kienet l-ewwel darba li kien gie appuntat Direttur Generali, u skont il-ligi dan l-appuntament kien sar direttament mill-Ministru responsabbli.

Fl-2014 jidher illi inqala' disgwid bejn l-attrici u l-Bord tal-Gvernaturi. Il-Bord tal-Gvernaturi kien qieghed jitlob mill-attrici li tissottometti rapport dwar investigazzjoni li kienet giet mitluba mill-Ministru tal-Finanzi. Minn naha taghha l-attrici kienet tal-fehma illi hija ma kinitx marbuta b'dak li talab il-Ministru peress illi d-Direttorat Generali kien jahdem b'mod awtonomu u indipendenti u li ghalhekk kienet hi li tiddeciedi jekk kellhiex tinbeda investigazzjoni partikolari jew le. Il-Bord tal-Gvernaturi kompla jippressa lill-attrici sabiex tissottometti rapport interim dwar l-investigazzjoni taghha, filwaqt illi hija baqghat tinsisti illi ma setghatx taghmel dan skont il-ligi. Eventwalment il-Bord tal-

Gvernaturi kien informal ill-attrici illi jekk hija ma kinitx ser tissottometti r-rapport mitlub sa data partikolari il-Bord kien ser johrog *warning* kontra taghha, u l-attrici opponiet bil-qawwi ghal dan.

Nell frattemp it-terminu t'appuntament tad-Diretturi Generali kollha, inkluz tal-attrici, kien wasal biex jiskadi. Il-ligi kienet tipprovdi illi wara l-appuntament tal-ewwel Direttur Generali, id-Diretturi Generali kellhom imbaghad jigu mahtura mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita wara konsultazzjoni mal-Ministru. Il-Bord tal-Gvernaturi iddecieda minflok li jahtar Bord tal-Ghazla u johrog sejha ghall-applikazzjonijiet. L-attrici kienet wahda mill-applikanti ghall-kariga ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni). Peress li t-termini tal-appuntament kienu lahqu skadew waqt li dan il-process kien ghadu pendenti il-Bord tal-Gvernaturi kien iddecieda illi jappunta lic-Chairman tal-Awtorita bhala Acting Director General tal-entitajiet differenti li kienu jifformaw parti mill-Awtorita.

L-attrici ssottomettiet id-dokumenti rikjesti mis-sejha ghall-applikazzjoni u dawk id-dokumenti l-ohra li hasset li huma ta' sostenn ghall-applikazzjoni taghha, ghamlet is-*psychometric* test li gie deciz li kellu jsir mill-applikanti u attendiet ghall-intervista. Sussegwentement l-attrici giet mgharrfa li hija ma kinitx ghaddiet u li ma gietx meqjusa bhala persuna idoneja mill-Bord tal-Ghazla. Hija ghalhekk intavolat dawn il-proceduri permezz ta' liema qed tilmenta illi l-eghmil amministrattiv rigwardanti l-process tal-ghazla u hatra ta' Diretturi Generali (Kompetizzjoni) huwa *ultra vires* ghaliex jikkostitwixxi abbuz ta' setgha peress li sar ghal ghanijiet mhux xierqa u kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti, ghaliex il-konvenuti jew min minnhom agixxew in mala fede u ghaliex imur kontra l-ligi billi jikser il-provvedimenti tal-Kapitolu 510 tal-Ligijiet ta' Malta, jmur kontra l-principji tal-amministrazzjoni pubblika u huwa proceduralment ivvizzjat.

**Xhieda**

Marcel Pizzuto xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' Executive Chairman fi hdan l-Awtorita tal-Kompetizzjoni u l-Konsumatur u ilu jokkupa din il-kariga mill-1 ta' Gunju 2013. Spjega li meta kien wasal iz-zmien biex jinhatru it-tieni sett ta' Diretturi Generali l-Awtorita kienet hadet parir minghand l-ufficcju tal-Avukat Generali, u kien inghataw parir li kien ikun ghaqli li tinhareg sehja ghall-applikazzjonijiet ghall-finijiet ta' trasparenza u ghalhekk huma mxew ma' dak il-parir. Accetta li kienu eskludew *a priori*

il-possibilita li jgeddu l-appuntament tal-attrici, izda qal illi dejjem kien hemm il-possibilita illi tigi appuntata permezz ta' ezercizzju ta' *head-hunting*. Mistoqsi ghalfejn kienet inhatret *selection panel* spjega illi kien hemm sitwazzjoni fejn il-Bord kien qed jitlob informazzjoni dwar *bank interest* u *bank charges* li l-Ministru kien talab stharrig fuqu minghand id-DG tal-Kompetizzjoni li kienet ghadha kif skadielha t-terminu tal-appuntament u din id-DG kienet tinterpreta l-ligi b'mod partikolari li huma ma kinux jaqblu mieghu. Ghalhekk biex ma jkunx dubbji dwar xi pregudizzju kontra l-attrici hassew li kien ikun ahjar jekk jitwaqqaf *selection panel* kompletament differenti mill-*Board of Governors.* Zied illi r-rizultanzi ta' dan is-*selection panel* ma kinux jorbtu lil Bord, izda l-Bord kien accetta r-rizultati li gew mghoddija lilu. Xehed illi hadd mill-applikanti ma kien ghadda mill-*interview* imsemmija u ghalhekk kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ohra bl-istess kondizzjonijiet aktar tard dik is-sena liema sejha kienet ghadha pendenti meta xehed dan ix-xhud f'Novembru 2015.

Xehed illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet kienet harget fit-12 ta' Mejju 2014, l-attrici kienet intalbet sabiex tattendi ghal *interview* fit-18 ta' Settembru 2014 u kienet giet informata bir-rizultat fid-9 ta' Jannar 2015. Sadanittant l-attrici kienet irrizinjat minn mal-Awtorita fid-29 ta' Lulju 2014 u minn mac-Civil fit-30 ta' Lulju 2014, u ma regghatx applikat meta harget it-tieni sejha ghall-applikazzjonijiet. Spjega li ghalkemm gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn id-DG jibqa' fl-ufficcju sakemm ikun hemm appuntament gdid, f'dan il-kaz huwa gie appuntat bhala *Acting DG* hekk kif skada t-terminu tal-appuntament tal-attrici ghaliex il-post kien gie vakanti u ma setghax jithalla hekk. Sussegwentement b'effett mill-1 t'Awissu 2014 kien gie appuntat Godwin Mangion bhala Acting Director General, u r-raguni li gie appuntat membru tal-bord kienet illi kien hemm bzonn xi hadd li kellu esperjenza fil-qasam tal-kompetizzjoni u wkoll ghaliex ma raw xejn stramb li membru tal-Bord jokkupa din il-kariga. Minn naha l-ohra, fil-kaz tad-DG tal-konsumatur inizjalment kien ukoll gie appuntat hu bhala Acting DG izda sussegwentment kien gie deciz li tithalla l-istess persuna li kien jokkupa l-kariga ta' DG bhala Acting DG. Mistoqsi ghalfejn ma kinux hallew lill-attrici fil-kariga sakemm giet konkluza l-kwistjoni tal-appuntament xehed illi dan kien ghaliex kellhom pressjoni mill-Ministeru biex jissottomettu r-rapport li kien intalab ikkonsidrat li l-Ministru kien qed jaffacja *budget* iehor. Ikkonferma illi l-attrici kienet tat spjegazzjoni ghar-rifjut taghha li tissottometti dan ir-rapport u cioe illi din l-informazzjoni ma setghatx tigi mghoddija lil Bord ghaliex hija kunfidenzjali. Xehed illi hekk kif skadiela t-terminu l-attrici regghat

marret lura ghal posizzjoni ta' Senior Legal Officer, u din il-posizzjoni kienet tinvolvi paga, allowances u kundizzjonijiet ta' xoghol inferjuri fir-rigward ta' dawk applikabbli ghall-posizzjoni li kellha bhala DG tal-Kompetizzjoni.

Dwar il-komposizzjoni tas-Selection Panel spjega li dan kien kompost minn tlett membri maghzula mill-Bord tal-Gvernaturi. Il-membri kienu is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli ghall-Awtorita, li kien ic-Chairperson tal-Panel, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Gustizzja ghaliex hassew li kienet persuna idoneja ghal din il-posizzjoni u is-Segretarju Permanenti tat-Trasport ghaliex kellu esperjenza jahdem fl-Ufficcju tal-Kompetizzjoni ghal numru ta' snin. Xehed illi t-*terms of reference* thallew f'idejn is-Selection Panel, u l-Bord tal-Gvernaturi kien biss biddel ftit mis-*selection criteria.* Dan is-Selection Panel ma kienx involut fit-tieni sejha ghall-applikazzjonijiet, u minflok kien hemm *interviewing board* li kienet *chaired* mix-xhud, u dan peress illi l-attrici ma kinitx applikat ghal din it-tieni sejha.
Dwar ir-rapport li kien intalab mill-Ministeru u li l-attrici kienet irrifjutat illi tohrog ghar-ragunijiet spjegati xehed illi l-Ministeru tal-Finanzi qatt ma ndahal fl-operat tal-Awtorita izda huwa hassu marbut li jonora t-termini imposti mill-Ministeru fir-rigward ta' dan ir-rapport u li ma kinitx gietu f'mohhu li jirrispondi lil Ministru u jinformah illi l-Awtorita ghandha tithalla topera minghajr indhil minn naha tal-Ministeru. Mistoqsi jekk *interim reports* jinzammux kunfidenzjali sakemm ma jkun hemm decizjoni finali eventwalment xehed illi normalment *interim report* ma johrogx. B'referenza ghal Dok MP3 xehed illi dan ir-rapport m'huwiex *interim report* izda l-posizzjoni tal-Ufficcju ta' dak iz-zmien, li kien qieghed jitlob kummenti u taghrif biex jinvestiga.

L-attrici kienet ilha tahdem fl-ufficcju tal-kompetizzjoni mill-1994 wara li marret tahdem f'dan l-ufficcju mill-ufficcju tal-Avukat Generali, u kienet l-ewwel avukat *fulltime* li kien hemm. L-attrici kienet tahdem tajjeb, kellu fiducja fix-xoghol li kienet taghmel u ma kellux dubbju dwar l-abilitajiet taghha. Xehed illi generalment il-pass mark tal-Awtorita kienu jkunu ta' 50, u li fit-tieni sejha ta' applikazzjoni il-passmark kienet 50. Huwa ma kienx ra stramba li l-attrici ma kinitx ghaddiet mill-interview u ma kienet saret l-ebda diskussjoni fuq il-kandidati li m'ghaddewx.

Dwar il-kriterji ta' selezzjoni li kien abbozza l-Bord tal-Ghazla, xehed li l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita kien biddel kriterju wiehed li kien il-*management.* Mistoqsi jekk

harsux lejn l-aggettivi partikolari uzati mill-ligi ghall-kariga partikolari wiegeb li ma jafx li harsu lejhom. Mistoqsi kif hassew li Godwin Mangion kien idoneju ghall-kariga ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni) meta huwa accountant filwaqt li s-sejha ghall-applikazzjoni tghid li l-persuna ghandha tkun avukat jew economist wiegeb li hassew li kien idoneju minhabba l-esperjenza twila li kellu ghaliex kien jahdem fit-trade u dejjem kellu posizzjoni important u kien studja l-kompetizzjoni waqt il-kors tieghu ta' *accountant.*

Mistoqsi xi kwalifiki ghandu hu fil-kamp tal-kompetizzjoni xehed illi ghandu post graduate minn Kings College li huwa ekwivalenti ghal MA. Wara certu riluttanza sabiex jghid ezattament x'inhi il-kwalifika li ghandu, eventwalment wiegeb illi huwa ghandu post-graduate certificate u li m'ghandux First Degree. Mid-dokument prezentat a *fol.* 678 jirrizulta illi x-xhud ghandu post-graduate diploma, li huwa rcieva fl-1 ta' Lulju 1999.

Rigward il-minuta 4.05 tal-laqgha tat-13 ta' Mejju 2014 xehed illi l-emendi li ghalihom issir referenza kienu jirrigwardaw "il-problemi li l-indipendenza kompletament tal-ufficini li kienu jaqghu taht il-board…" Ikkonferma li ma giex ikkonsidrat li l-attrici tigi appuntata bhala Acting DG sakemm jigi appuntat xi hadd iehor.

L-attrici xehdet illi l-process tal-ghazla lilha affetwaha minn lati diversi. Affetwaha principalment mill-lat ta' karriera, billi meta kienet giet appuntata Direttur Generali (Kompetizzjoni) kienet lahqet il-quccata tal-karriera taghha f'kamp ta' ligi li kienet ilha tinvesti fih tant illi kienet marret taghmel kors ta' specjalizzazzjoni fl-Universita ta' Oxford. Din id-decizjoni kienet affetwat ir-reputazzjoni professjonali taghha ghaliex hija kienet meqjusa bhala esperta f'dan il-kamp kemm f'Malta u kif ukoll internazzjonalment u l-fatt li hija tnehhiet mill-kariga taghha johloq mistoqsijiet dwar il-kompetenza taghha f'dan is-settur. Giet affetwata wkoll mill-lat finanzjarju peress illi kienet marret lura ghal Senior Case Officer li kien fi skala 5 meta l-posizzjoni ta' DG hija fi skala 3, u apparti minn hekk kien hemm divergenza fl-allowances. Giet affetwata wkoll mill-lat psikologiku minhabba l-ingustizzja li soffriet ghaliex ghazlet li timxi mal-ligi u ma taccettax pressjoni. Xehdet li wara li rrizenjat mic-civil u bdiet tahdem fis-settur privat kellha terga tibda mill-bidu nett u bhala salarju kellha anqas minn qabel.

Dwar ir-rapport li kien intalab mill-Ministru tal-Finanzi xehdet illi meta l-Bord kien qalilha biex tibda tinvestiga hija kienet rat il-*bank statement* in kwistjoni, tkellmet ma' avukati u ekonomisti u ghamlet ricerka dwar x'qed isir f'pajjizi ohra biex tara jekk hux il-kaz li tinfetah *sector inquiry* u sabet li filfatt tista' tipprocedi. Spjegat li dan il-process huwa mportanti ghaliex filwaqt li kullhadd jista' jitlob lil Ufficcju sabiex jinvestiga, l-Ufficcju jista' jinvestiga biss fejn ikollu suspett ragonevoli u ma jistax jaqbad u jinvestiga fuq semplici rikjesta. Id-decizjoni li tinfetah *sector inquiry* kienet decizjoni li kienet hadet b'mod indipendenti, irrispettivament minn x'kien talab il-Ministru jew il-Bord. L-opinjoni tal-Bord kienet pero li hija ma kellha l-ebda ghazla hlief li tibda din is-*sector inquiry* kif mitlub mill-Ministeru tal-Finanzi. Xehdet li hija pruvat tispjega lil Pizzuto u lil Bord li l-Ufficcju huwa indipendenti u awtonomu u ghandu funzjonijiet kwazi gudizzjarji u ghalhekk ma setghatx tghaddilhom informazzjoni dwar l-inkjesta li kienet qed taghmel u kienet cara li ma kinitx lesta li tikser il-ligi. Eventwalment il-Bord kien wissiha li jekk mhux ser tissottometti l-informazzjoni mitluba kienet ser tinhareg *warning* kontra taghha u hija kienet infurmat lil Ministru Helena Dalli, lil Permanent Secretary Joseph Camilleri u lil Principal Permanent Secretary dwar dan ghaliex hasset li l-ghola awtoritajiet kellhom ikunu jafu li ufficjal pubbliku kienet qed tigi mhedda jekk ma taghtix informazzjoni meta dan kien kontra l-ligi. Qalet li dan kien zmien ta' dwejjaq kbir ghaliha ghaliex hassitha li kienet qed tigi mwarrba ghaliex proprju kienet qed izomm mal-principji taghha u mal-ligi. Dwar it-tieni sejha ghall-applikazzjoni xehdet li hija ma kinitx applikat peress li kien hemm l-istess Chairman, l-istess Ministru u l-istess Permanent Secretary u ghalhekk hasset li kien ikun inutli. Dwar Dok MP3 xehdet li dan ma kienx *interim report* u ziedet illi hija ma kinitx ser taccetta li turi dan id-dokument lil Bord qabel ma taghmlu pubbliku ghaliex b'hekk tkun qed tistieden kummenti mill-Bord u tbiddel xi haga.

Spjegat li meta kienet qed tezamina jekk ghandhiex tiftah inkjesta kienet ukoll iltaqghet mal-Ministru tal-Finanzi peress li kien parti interessati. Dak iz-zmien kienet ukoll spjegatlu li l-Awtorita hija indipendenti u awtonoma kif jirrizulta mill-gurisprudenza tat-Tribunal u ghalhekk hadd ma jista' jimponi termini fuq kemm iddum l-investigazzjoni, li fl-ahhar mill-ahhar tiddependi minn fatturi esterni mill-ufficcju.

Xehdet li dan ma kienx l-ewwel kaz fejn kienet saret inkjesta. Semmiet il-kaz tal-*estate agents* fejn kienet intalbet mill-Permanent Secretary informazzjoni dwar dan il-kaz u

hija kienet informatu li l-ufficcju taghha kien diga issottometta rapport u l-kaz kien *sub judice* quddiem it-tribunal u li ma setghatx tidhol f'aktar dettal minn hekk peress li l-ufficcju huwa indipendenti u awtonomu, u l-istess Permanent Secretary kien wiegeb li fehem dak li qaltlu. Ziedet li pero meta kienet iddecidiet li timponi multi il-Ministru Helena Dalli kienet ilmentat maghha dwar dan u staqsitha ghalfejn ma kinux imponew multi qabel. Semmiet ukoll istanzi fejn Pizzuto kien talab lil wiehed mill-*case handlers,* Dr. Aloysius Bianchi, sabiex jaghtih il-file dwar l-inkjesta rigwardanti id-distributuri tal-gas u Bianchi kien informah li ma setax jaghmel hekk u li kien ahjar jekk ikellem lill-attrici. Hija kienet kellmet lil Pizzuto dwar dan u kienet fakkritu lil l-ufficcju kien awtonomu u ghalhekk ma setghux jiddiskutu kazijiet pendenti.

Xehdet illi hija kienet hassitha marret tajjeb fl-*interview* u kienet komda tant illi hadet pjacir taghmel l-*interview* ghaliex kienet fil-kamp taghha u kienet qed titkellem fuq dak li thobb taghmel. Ma kellha l-ebda diffikulta twiegeb id-domandi u anzi wegbithom b'mod ampju u tajjeb. Waqt din l-*interview* qatt ma giet mistoqsija dwar ir-relazzjoni taghha ma' entitajiet ohra. Hija kienet tat lil *interviewing panel transcript* tal-marki li gabet fil-kors tal-LL.D. u dokumenti biex tikkorobora dak li kitbet fic-CV taghha u wkoll referenza minghand Professur li kien jghallimha l-Universita ta' Oxford, izda la din ir-referenza u lanqas it-transcript ma jinstabu fil-file taghha. Barra minn hekk fil-file taghha hemm ukoll nieqes il-Performance Assessment Report li suppost kellu jissottometti Pizzuto, u dan id-dokument kien importanti hafna peress li kien jindika l-abilitajiet manigerjali tal-ufficjal in kwistjoni.

Dwar il-marka tal-*performance review* moghtija lilha minn Pizzuto, u cioe ta' 9 minn 15, qalet illi hija kienet ikkonfrontat lil Pizzuto dwar din il-marka ghaliex ma kinitx accettabli ghaliha u Pizzuto kien qalilha illi ma setax jaghti marka aktar gholja minhabba *budgetary constraints.* Xehdet li filfatt l-ufficcju kienu jinghata rizorsi limitati tant li hi kienet tqum fl-erbgha u nofs ta' filghodu tibda tahdem halli tilhaq tiehu hsieb l-emails u kienet iddum l-ufficcju sas-sebgha u t-tmienja ta' filghaxija u zzomm maghha lil Aloysius Bianchi u lil Stefan Vella ghaliex kienet thoss li b'hekk kien qisu kellhom aktar impjegati, meta issa tirrealizza li dan ma kien gust ghal hadd.

L-attrici prezentat ukoll affidavit fil-21 ta' Ottubru 2010. F'dan l-affidavit iddeskriviet estensivament u b'mod dettaljat l-involviment taghha fl-emendi tal-ligi tal-

kompetizzjoni, it-tfassil tal-ligi tal-MCCAA u l-*policy* tal-kompetizzjoni wara li kienet giet rikonoxxuta mill-Gvern bhala esperta fil-kamp tal-ligi dwar il-kompetizzjoni u l-konsumatur. Spjegat ukoll fid-dettal il-vizjoni taghha, l-istil ta' tmexxija u l-impenn fiz-zmien li ghamlet bhala Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Kompetizzjoni minn Mejju 2011 sa Mejju 2014.

Fir-rigward tal-artikolu 13 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, xehdet illi meta kienet qed tigi abbozzata l-ligi il-kliem "professional qualification" kienu intizi li jfissru dawk il-kwalifiki u l-first degrees li bis-sahha taghhom wiehed jista' jgib *warrant* biex jezercita l-professjoni partikolari, bhal per ezempju LL.D. biex jinkiseb il-warrant ghall-professjoni ta' avukat. Qalet li l-iskop kien li l-persuna maghzula tkun kemm professjonista u kif ukoll specjalizzata fil-kamp relevanti, u li apparti minn hekk id-DG kellha tkun persuna b'esperjenza shiha u b'kompetenza rinomata fil-kamp. Dwar il-Coordination Committee spjegat li dawn huwa l-*link* bejn il-Bord tal-Gvernaturi u d-Diretturi Generali, bl-iskop li jipprovdi linja ta' komunikazzjoni efficjenti bejniethom. Tghid li ghalkemm fiz-zmien meta c-Chairperson tal-Awtorita kien l-Inginier Francis Farrugia dan il-Kumitat kien jahdem sew, izda meta sar Chairperson Marcel Pizzuto kienet saret laqgha wahda biss, u dan minkejja li kienet tinsisti mieghu li kien hemm bzonn isiru laqghat ta' dan il-Kumitat.

Xehdet illi fit-2003 kienet giet accettata mill-Kummissjoni Ewropea biex tahdem fid-Direttorat Generali ghall-Kompetizzjoni. Hija xtaqet tmur ghal ftit zmien imbaghad terga lura fl-Ufficcju tal-Kompetizzjoni f'Malta, ghaliex xtaqet li titghallem iktar u tiehu aktar esperjenza u ma kien hemm imkien f'Malta fejn setghat tiehu daqshekk *expertise.* Spjegat li hi kienet tfittex dawn l-opportunitajiet ghaliex kienet herqana li l-Ufficcju xi darba seta' jilhaq livell gholi u professjonali qrib ta' awtoritajiet tal-kompetizzjoni aktar maturi u avvanzati minnhom. Minhabba f'hekk fl-2002 kienet ukoll ghamlet xi zmien mal-Autorita Garante della Concorrenza e del Mercato, li hija l-awtorita tal-Kompetizzjoni Taljana, biex tiskopri aktar il-proceduri li jaddottaw fl-investigazzjonijiet fil-prattika u ssegwi s-smigh ta' xi kawzi li kellhom. Hija kienet tinsisti wkoll hafna fuq il-protezzjoni tar-reputazzjoni tal-Awtorita u thoss li kienet tgawdi mill-fiducja tal-membri l-ohra tal-*management*.

Dwar is-psychometric test xehdet illi din kienet l-ewwel darba li kienet ghamlet test bhal dan u li kienet irrispondiet id-domandi b'referenza ghan-natura tax-xoghol li kienet imdorrija taghmel fl-ambitu tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni. Ghalhekk per ezempju ghall-mistoqsija dwar jekk tippreferix tahdem wahedha jew bhala team wiegbet li tippreferi tahdem bhala team ghaliex in-natura tax-xoghol tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni tirrikjedi li x-xoghol jinhadem bhala team sabiex tohrog bl-ahjar rizultati. Xehdet li kien hemm ukoll mistoqsijiet ta' natura astratta u matematika inkluz mistoqsija li kienet tinvolvi simbolu li hi qatt ma ltaqghat mieghu fl-istudji tal-matematika taghha, u ziedet illi x-xoghol tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni ma jinvolvix dawn it-tip ta' problemi ghaliex jinvolvi problem konkreti ibbazati fuq fatti jew stat ta' fatt li dwarhom trid issir analizi legali u ekonomika. Waqt il-laqgha li saret mal-psikologu kienet giet mistoqsija dwar in-natura tax-xoghol taghha u hi irrispondiet b'mod entuziastiku ghaliex kien joghgobha x-xoghol. Meta l-psikologu staqsiha jekk tixtieqx tiddiskuti punt fir-rapport skont liema "*she may not always be as eager to listen as she is to be heard"* kienet qaltlu illi dan il-punt ma tantx jirrifletti l-andament taghha waqt ix-xoghol ghaliex kienet imdorriha tisma' hafna u kienet thoss li dan kien importanti ghax-xoghol taghha, u li fl-ufficcju dejjem kienu jiddiskutu b'mod frank il-kazijiet u x-xoghol li kellhom.

Dwar l-interview xehdet li tiftakar li l-ewwel haga li kienu qalulha kienet li ma tantx kellhom hin ghaliex Paulanne Mamo kienet mghaggla minhabba impenn iehor. Filfatt Mamo kienet telqet mill-kamra ftit warajha. Spjegat fid-dettal il-mistoqsijiet li sarulha u l-mod kif irrispondiethom, u elenkat id-dokumenti li kienet ghaddiet lil Bord tal-Ghazla waqt l-intervista. Innegat li hija qatt esprimiet hsieb jew opinjoni li l-Ufficcju huwa distakkat mill-kumplament tal-Awtorita ghaliex ghalkemm l-Ufficcju huwa indipendenti fl-infurzar tal-ligi, xorta wahda kellu jippartecipa bis-shih fl-attivitajiet kollha tal-Awtorita u filfatt hekk kienet taghmel meta kienet Direttur Generali.

Dwar il-proceduri ta' dixxiplina xehdet illi S-Segretarju Permanenti Joseph Camilleri kien konsapevoli ta' dawn il-proceduri u milli kien qalilha kien qed johodhom bis-serjeta, tant illi kien tkellem dwar il-kaz mal-Avukat Generali u s-Segretarju Permenanti Principali, apparti ma' Marcel Pizzuti nnfisu. Qalet illi lilha hadd ma qalilha li dawn il-proceduri ma tkomplewx jew li mhux ser jittiehdu passi ta' dixxiplina kontra taghha, u hi m'ghandha l-ebda prova konkreta li isimha gie *cleared* u li dawk il-proceduri kienu frivoli u rizultat ta' abbuz ta' poter.

Dwar id-danni sofferti minnha xehdet illi hija tilfet is-somma ta' €3,313.89 ghall-perjodu bejn 23 ta' Mejju 2014 sa t-30 ta' Settembru 2014, liema ammont huwa bbazat fuq id-differenza bejn il-qliegh ta' Direttur Generali u Senior Case Officer. Xehdet li ghal perjodu bejn l-1 t'Ottubru 2014 sal-31 ta' Dicembru 2014 hija ma kellhiex qliegh mill-professjoni taghha bhala avukat u ghalhekk f'dan iz-zmien tilfet l-ammont ta' €11,294.15, li huwa l-ammont li kienet taqla' bhala Direttur Generali. Ghal perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Lulju 2015 hija soffriet telf ta' €19,809.20 li huwa d-differenza bejn is-salarju li kienet taqla' bhala Direttur Generali u s-salarju li effettivament irceviet mill-professjoni taghha. Dan it-telf tal-qliegh issussista sal-bidu t'Awissu 2015. Ghalhekk l-ammont totali ta' telf ta' qligh huwa ta' €34,410.

Xehdet li din l-esperjenza wegghatha hafna, kemm billi l-proceduri ta' dixxiplina qatt ma nghalqu u kemm ukoll billi bil-marki li nghatat mill-Bord tal-Ghazla hija giet penguta bhala persuna bla hila u medjokri, li lanqas kapaci tghaddi mill-kriterji ta' interpersonal abilities and personality skills. Tghid li ghalhekk hija soffriet ukoll danni morali ghaliex din l-esperjenza xeklitha fl-avvanz fil-karriera taghha fis-settur pubbliku.

Francis Farrugia xehed illi huwa kien Chairman tal-MCCAA bejn l-2011 u l-2013 u qabel kien Chairman ta' Malta Standards Authority (MSA) mill-2000, li eventwalment kienet giet amalgamata mal-Consumer Competition Division biex twaqqfet l-MCCAA. Lill-attrici sar jafha meta bdew jippreparaw biex titwaqqaf l-MCCAA u kien hadmu fuq il-ligi flimkien. L-attrici kienet tiehu hsieb dak li kellu x'jaqsam mal-Competition and Consumer Affairs u hu kien responsabbli ghal dak li kellu x'jaqsam mal-MSA. Meta twaqqfet l-MCCAA l-attrici kellha r-rwol ta' Direttur Generali inkarigata mill-qasam tal-kompetizzjoni u ghalhekk kellha rwol importanti hafna specjalment ikkonsidrat li kien ghadu l-bidu ta' din l-Awtorita. Fuq parir tal-Kummissjoni Ewropea d-Diretturi Generali kellhom l-ahhar kelma fuq dak li ghandu x'jaqsam ma' dettalji u decizjonijiet teknici, u kien hemm sistema ta' "firewalls" biex l-Awtorita tkun tista' tiffunzjona peress illi f'pajjizi ohra li huma ikbar ikun hemm awtoritajiet disinti u separati izda hawn Malta awtorita wahda kellha diversi funzjonijiet u Diretturi Generali.

Lill-attrici iddeskriviha bhala persuna serja hafna fix-xoghol taghha u meta kien ikollha xi pressjoni kienet izomm ferm. Qal li huwa qatt ma kellu problem mal-attrici, la fuq

kwistjonijiet teknici u lanqas fuq kwistjonijiet ta' *management* tal-qasam taghha. Huwa kien jaghmel *performance review* kull sena u kien ikun iebes fl-assessjar tieghu. L-attrici dejjem kienet l-aqwa wahda fost id-diretturi generali f'dawn il-*performance reviews*. Hu kien jiehu in konsiderazzjoni wkoll it-tmexxija taghha u jekk kellhiex vizjoni u dedikazzjoni ghax-xoghol. Qal li mhux l-ewwel darba li kienu hu u l-attrici li hargu l-ahhar mill-ufficcju, fit-tmienja ta' filghaxija u li kien bis-sahha tal-attrici li tnaqqas il-*backlog* li kien gej miz-zmien ta' qabel twaqqfet l-Awtorita. Kienu jinzammu *management meetings* skont kif provdut fil-ligi u l-attrici kienet tmur tajjeb hafna fihom ghaliex kienet taghti pariri fuq kwistjonijiet legali peress li kienet avukat u ghalhekk kienet tigwidahom fuq l-ahjar triq li setghu jiehdu. Spjega li meta inhatar bord gdid kien qal lid-diretturi generali biex jaghmlu *presentation* lil bord ghaliex kien hemm min ma kienx jaf x'inhi l-ligi u kif ghandha tigi interpretata, peress illi kienet stramba illi m'humiex ic-Chairman u l-Bord li jiehdu d-decizjoni finali fuq kwistjonijiet teknici. L-ewwel darba li saret din il-*presentation* kienet ghamlitha l-attrici.

L-Engineer Joseph Bartolo xehed illi huwa kien jahdem mal-MSA, li mbaghad saret l-MCCAA u kien jokkupa l-posizzjoni ta' Direttur tal-Metrologija sa Settembru 2015. Sar jaf lill-attrici lejn l-2010 meta l-MSA bdiet tqarrab ghal Competition and Consumer Authority. Fi hdan l-MCCAA kien ikollhom *management meetings* regolari, u kien dejjem jippartecipa f'dawn il-laqghat. L-attrici kienet tkun attiva hafna f'dawn il-laqghat, u kienet taghmel l-almu taghha sabiex dejjem issib soluzzjoni li kienet in linja mal-ligi, u wkoll li tkun in linja ma' dak li qed isir barra minn Malta fir-rigward ta' etika fuq ix-xoghol u l-mod kif tigi gestita l-Awtorita. F'dawn il-laqghat seta' josserva li l-attrici kellha vizjoni cara u tajba ta' dak li kellha bzonn taghmel fis-sezzjoni tal-kompetenza taghha fi hdan l-Awtorita. L-attrici kellha *open door policy* fir-rigward ta' min kellu bzonn xi parir jew ghajnuna u hu kemm il-darba fittex il-parir taghha fuq diversi kwistjonijiet u sab li kienet taghtih pariri utli hafna. Meta l-attrici ma baqghatx tattendi il-*management meetings* inhasset id-differenza ghaliex certu affarijiet kienet tixprunahom hi, u ghaliex kien hemm nuqqas kbir ta' avukati fl-awtorita. Fl-opinjoni tieghu kellha *management skills* tajbin u kienet titratta n-nies u l-problemi b'mod kawt, tajjeb u gust, u dan kien jidher mill-mod kif kienu johorgu r-rizultati tal-problemi li kien ikollha. L-attrici kienet immotivita u kellha impenn assolut lejn l-Awtorita.

Joseph Camilleri xehed illi fiz-zmien relevanti huwa kien Segretarju Permanenti fil-Ministeru tad-Djalogu Socjali, u cioe mill-2013 sal-2017, filwaqt li llum il-gurnata jokkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Affarijiet tal-Ewropa. L-Awtorita kienet taqa' taht ir-responsabilita tal-Ministeru tad-Djalogu Socjali. Fir-rigward tal-kwalifiki professjonali tieghu xehed illi huwa ghandu Diploma in Public Administration u Masters in Business Administration. Huwa ma kellu l-ebda esperjenza fil-kamp tal-kompetizzjoni qabel ma' lahaq Segretarju Permanenti fl-2013, u lanqas ma kellu esperjenza dwar kif din il-ligi tal-Ewropa ghandha tigi applikata f'Malta. Kienet il-Ministru Helena Dalli li ddecidiet li ghandu jkun hu ic-Chairman tal-Bord tal-Ghazla meta harget is-sejha ghall-applikazzjoni ghal Direttur Generali (Kompetizzjoni) li ghaliha applikat l-attrici. Huwa ma hass l-ebda kunfitt t'interess ghaliex hija prassi regolari fic-Civil li s-Segretarju Permanenti jista' jkun Chairman fuq bord tal-ghazla fil-Ministeru tieghu stess. Il-kritjeri tas-selezzjoni kellhom jinholqu mill-Bord tal-Ghazla izda mbaghad kellhom jigu sottomessi lil Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita ghall-approvazzjoni taghhom, u l-Bord tal-Gvernaturi kellu kull dritt li jbiddilhom, kif filfatt gara.

Dwar l-ghazla tal-kriterji tas-selezzjoni spjega illi huma raw il-htigijiet li ghandu jkollhom id-Diretturi Generali fi hdan l-Awtorita skont x'tirrikjedi l-ligi tal-kompetizzjoni. It-tibdiliet li imbaghad ghamel il-Bord tal-Gvernaturi gew accettati mill-ewwel minghajr ebda verifiki ulterjuri. Ikkonferma li fil-holqien tal-kriterji tas-selezzjoni hadu in konsiderazzjoni l-artikolu 13(2) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni li jistabilixxi huwa stess kriterji ta' selezzjoni. Mistoqsi ghalfejn idahhlu kwistjonijiet ta' *leadership* u *management* meta dawn m'humiex indikati fl-artikolu 13(2) spjega illi dan kien ghaliex hemm artikoli ohra fil-ligi li jghidulek li d-Direttur Generali jkun jifforma parti minn *coordination team* tal-management tal-awtorita u ghalhekk huma hassew illi apparti l-kwalifiki pertinenti ghal post id-Direttur Generali, bhala parti mill-*coordination team* tal-awtorita, Diretturi Generali ghandhom ikollhom vizjoni, *leadership, motivational skills* u affarijiet ohra ohra bhal dawn. Mistoqsi ghalfejn *management* gie inkluz darbtejn bhala abilita rikjesta u kif *management* ghandu x'jaqsam ma *professional knowledge* xehed li taht din il-kappa *management* kien ifisser il-*mangement* tal-persuna tar-responsabbilitajiet tal-MCCAA portfolio u l-European Union dimension, u cioe x-xoghol relatat mal-Unjoni Ewropea.

Ikkonferma li l-applikazzjoni tal-attrici kienet giet moqrija mill-bord tal-ghazla, l-ewwel darba sabiex jaraw li kienet elegibbli ghas-sejha u t-tieni darba waqt l-evalwazzjoni. Mistoqsi min iddecieda li l-pass mark ghandha tkun ta' 60% spjega illi l-Bord tal-Ghazla fid-diskussjonijiet tieghu kien hass li l-livell ta' pass mark kellu jkun ta' 60% meta beda jara l-livell ta' karigi ta' Direttur Generali, u din id-decizjoni ittiehdet qabel l-interviews. Ma ftakarx jekk kienx hemm xi raguni partikolari ghalfejn ma giex imhabbar li l-pass mark kienet ser tkun ta' 60%, u ma ftakarx jekk kinux ikkonsultaw jew hadux il-kunsens tal-Bord tal-Gvernaturi f'dan ir-rigward.

Mistoqsi x'wassal lil Bord biex jaghti marka ta' 2 minn 5 fir-rigward ta' *management* relattiv ghal *professional knowledge* xehed illi ma jiftakarx izda jiftakar li fit-twegibiet taghha kienet qed turi distakk bejn l-awtorita u -Direttorat Generali, fis-sens li filwaqt li huma fehmu li d-Direttorat Generali jimxi b'certu indipendenza f'dak li ghandu x'jaqsam ma' investigazzjonijiet mill-banda l-ohra id-Direttur Generali irid ihossu li huwa parti mill-Awtorita. Ghalih il-fatt li l-attrici kienet thossa indipendenti mill-awtorita kollha kompletament kellha twassal ghal marka baxxa fir-rigward ta' *management.* Qabel li jista' jkun li din il-kwistjoni taqa' aktar that *ability to lead and manage* izda kompla "ma niftakarx, ahna nkunu dak il-hin qed nevalwaw u naghtu l-marka." Ftakar li l-attrici kienet involuta fit-tfassil tal-politika dwar il-kompetizzjoni f'Malta fuq livell Ewropew u li attendiet il-laqghat kollha tal-European Competition Network. Mistoqsi ghalfejn fir-rigward ta' *ability to lead and manage* l-attrici inghatat 5 marki minn 15 qal li kienet ghall-istess raguni li kien xehed dwarha fir-rigward ta' *management* tal-*professional knowledge* u zied li bil-mod li kienet qed twiegeb qisu kienet qed turi li ma kienx hemm *leadership* u *motivation* bhala awtorita ghaliex ghaliha kollox kien jieqaf mad-direttorat generali.

Mistoqsi dwar il-kumment li sar li xi kandidati wrew inklinazzjoni b'sahhitha li l-ufficcju ghandu jahdem b'mod indipendenti mil-bqija tal-awtorita u ghalfejn il-Bord tal-Ghazla ghamel referenza ghal Consumers Affairs Act xehed li jahseb li hemm zball u li ried jghid il-Competition Act. Xehed li filwaqt li m'hemmx dubbju li f'kull qasam hemm indipendenza b'mod generali l-Awtorita riedet timxi bhala entita wahda ghaliex hekk kienet il-ligi dakinhar. Dwar min ghamel l-analizi tas-pyschometric test li ghamlu l-kanditati xehed illi huma kienu qabbdu lic-CDRT li llum hija l-Institute for Public Administration, u huma jiehdu hsieb li jqabbdu persuna professjonali, filwaqt li huma

ikkonsultaw mal-Organisational Pyschologist li hejja r-rapport qabel ma saru l-interviews mal-kandidati.

Ikkonferma li kien hemm okkazjonijiet fejn kellu laqghat mal-attrici u li dawn sehhew fuq talba taghha stess, u wkoll li kien hemm laqghat fejn ghalihom kienu prezenti x-xhud, l-attrici u l-Ministru Helena Dalli. Waqt dawn il-laqghat fil-bidu kienu jitkellmu b'mod generali dwar l-Awtorita, u kien hemm xi laqghat fejn l-attrici qajmet kwistjonijiet dwar affarijiet fit-tmexxija tal-Awtorita li qed kienet thoss li mhux qed isiru sew. Ftakar ukoll illi kien hemm laqgha minnhom fejn l-attrici kienet gibditilhom l-attenzjoni dwar problema tal-asbestos li kienet tqajjmet anke mill-Union. Mistoqsi jekk ghadux tal-fehma li l-attrici ma kienx jinteressaha mill-Awtorita b'mod generali innega li hu qatt qal dan il-kliem.

Qabel illi bhala Direttur Generali (Kompetizzjoni) biex tasal ghal decizjoni trid kompetenza kemm fil-ligi u kif ukoll fl-ekonomija u li ghalhekk avukat li jokkupa din il-kariga bilfors irid jirreferi ghal xi hadd li huwa intiz fl-ekonomija. Qal li ma jafx x'jinvolvi il-process ta' kif issir investigazzjoni mid-direttorat tal-kompetizzjoni. Qabel illi dan ir-rwol huwa rwol kwazi-gudizzjarji u zied illi pero wiehed ma jistax jinsa li l-ligi tezigi kompetenza fl-*overall management* tal-Awtorita. Mistoqsi jispjega kif taw marki aktar gholjin lil kandidati li marru aghar fis-psychometric test jew li kellhom inqas experjenza f'posizzjonijiet manigerjali mill-attrici ma kienx kapaci jirrispondi u qal illi l-marki inghataw skont l-evalwazzjoni li ghamlu dak il-hin. Mistoqsi biex jikkonferma jekk il-parti tal-*management* taht professional knowledge hijiex kwistjoni fattwali ta' x'esperjenza u gharfien ghandek, wiegeb li dan mhux il-kaz ghaliex huwa ma hadux biss in konsiderazzjoni kemm kellu snin experjenza f'*management* il-kandidat izda wkoll kif irrisponda ghad-domandi maghmula lilu waqt l-*interview.* Imbaghad qal illi din il-parti tal-*management* kienet tinvolvi evalwazzjoni tat-tip specifiku ta' esperjenza li l-kandidat kellu waqt li kien qed jokkupa posizzjoni manigerjali. Ma ftakarx jekk kinux talbu biex jaraw il-*performance review* tal-attrici qabel ma ddecidew li jfalluha fl-evalwazzjoni. Dan il-*performance report* irid jigi sottomess minn naha tal-Awtorita u m'huwiex nuqqas ta' xi kandidat jekk ma kienx parti mill-file tal-applikazzjoni tieghu,

Mistoqsi kif jiggustifika l-fatt li l-attrici inghatat marka ta' 3 minn 10 meta hija kienet involut fit-tfassil tal-ligi tal-kompetizzjoni u meta ma kienx jaf li l-attrici kienet tattendi l-

European Competition Network fejn tigi mfassal l-vizjoni tal-ligi Ewropea ghal Ewropea wiegeb illi l-evalwazzjoni taghhom fir-rigward ta' vizjoni ma kinitx tirrigwarda biss vizjoni fuq il-kompetizzjoni izda ghal ufficcju komplut u kif dak il-kandidat ser ikun qed jahdem biex l-awtorita timxi aktar il-quddiem. Mistoqsi jekk allura hemmx *overlapping* mal-kriterju ta' *leadership and management* xehed illi dan il-kriterju msemmi jirrigwarda *day to day leadership and management*, filwaqt li l-vizjoni tirrigwarda dak li l-kandidat qed jara li ser jasal ghalih matul it-tlett snin li ser ikun qed jokkupa l-posizzjoni ta' DG. Mistoqsi kif jiggustifika l-fatt illi Stefan Vella inghata marka iktar gholja meta l-attrici kellha ferm aktar esperjenza u esperjenza ta' kwalita aktar gholja minn tieghu, wiegeb illi ghalkemm ma jiftakarx it-twegibiet, it-twegibiet ta' Vella issodisfawhom aktar minn dawk tal-attrici. Mistoqsi jekk il-hsieb tal-attrici li d-DG tal-kompetizzjoni huwa indipendenti u awtonomu mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita influwenzax il-marka moghtija lill-attrici ghal dan il-kriterju wiegeb li ma jiftakarx precizament izda jista' jkun jkun li din kienet wahda mill-konsiderazzjonijiet principali.

Dwar il-marka li l-attrici inghatat ghal *analytical abilities* xehed illi din il-marka inghatat a bazi ta' kif l-attrici wiegbet ghad-domandi li gew maghmula lilha, flimkien ma' dak li kien jirrizulta mid-dokumenti u affarijiet ohra li kien disponibbli ghal Bord. Mistoqsi sabiex jispjega x'kienet ir-raguni ghalfejn l-attrici inghatat il-marka ta' 2 minn 5 ghall-*interpersonal skills* wiegeb li ma jiftakarx x'kienet ir-raguni partikolari. Mistoqsi ghalfejn l-attrici inghatat l-iktar marka baxxa mill-kandidati kollha ghal *personality and communication skills,* b'marka ta' 2 minn 5 qal li wkoll ma jiftakarx. Il-marki li inghataw lil kull kandidat inghataw b'paragun mal-kandidati l-ohra. Ma ftakarx jekk il-Bord kienx qara is-service record u l-leave record tal-attrici meta gew biex jezaminaw il-kriterju ta' *commitment* tal-attrici. Mistoqsi ghalfejn inghatat marka ta' 5 fir-rigward ta' kwalifici meta l-attrici ghandha Masters u Dottorat fil-ligi wiegeb illi din hija prassi fil-procedura tal-Gvern illi l-kandidat jinghata punti biss ghall-ghola kwalifika li jkollu, u li ma jinghatax punti ghal dawk il-kwalifiki rikjesti bhala minimu ghall-elegibilita. Mistoqsi x'differenza jaghmlu l-marki li wiehed ikun gab waqt il-kors ta' studju u fejn ikun studja wiegeb li ma dan ma jaghmel l-ebda differenza ghaliex persuna bl-istess kwalifika jinghataw l-istess marka. Mistoqsi jekk il-Bord rax it-transcript tal-marki tal-attrici xehed li le ghaliex ma kellhomx a disposizzjoni taghhom, ghalkemm imbaghad qal li ma jiftakarx u li jiftakar biss li dan ma kienx intalab mill-kandidati.

Fir-rigward tal-kriterju ta' experjenza f'legislation/compliance local context ma hadux parir minghand avukat biex iddeciedu x'marka jaghtu. Mistoqsi kif jiggustifika li l-attrici u Stefan Vella kienet inghataw l-istess marka ta' 5 minn 6 ghal dan il-kriterju meta l-attrici kienet kitbet hi stess il-ligijiet relevanti wiegeb li dan kien ghaliex waqt l-interview Vella kien wera li ghandu dak l-gharfien, u l-evalwazzjoni taghhom uriet li kemm l-attrici u kemm Vella kellhom jinghataw marka ta' 5. Ma ftakarx ukoll ghalfejn l-attrici kienet inghatat marka ta' 6 minn 8 fir-rigward tal-kriterju ta' esperjenza f'policy drafting u report writing. Mistoqsi jiggustifika kif kandidati li ma kinux avukati u allura ma kellhomx experjenza f'dan ir-rigward inghataw marki aktar gholjin mill-attrici wiegeb li m'hemmx bzonn tkun avukat biex tikteb rapporti u ligijiet u li filfatt hu stess kien kiteb ligijiet u emendi ghall-ligijiet minkejja l-fatt illi m'huwiex avukat. Ikkonferma li qabel l-interview tal-attrici kien jaf li l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita kien qal li ser jibda proceduri ta' dixxiplina kontra l-attrici izda nnega li dan kien influwenzah fl-*assessment* tal-attrici. Ma ftakarx ghalfejn kienu ser jittiehdu passi dixxiplinarji kontra l-attrici u jekk il-kwistjoni kinitx bejn l-attrici u l-Bord tal-Gvernaturi jew bejn l-attrici u c-Chairperson innifisu.

Joseph Callus xehed illi huwa beda jahdem bhala Civil Servant fl-1977 u kien inhatar Segretarju Permanenti fl-2013 mal-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura. Mistoqsi jispjega xi professjoni ghandu xehed illi huwa primarjament beda jistudja fuq *environmental health* pero mill-1987 jew 1988 biddel il-karriera u gradwa f'*environmental health, agricultural sciences* u ghamel MBA. Ikkonferma li hu m'ghandu l-ebda kwalifiki fil-ligi jew fl-ekonomija, ghalkemm zied illi kien hadem fl-ufficcju ghal kompetizzjoni ghal sitt snin bhala Assistant Director Regulatory Services fl-2006 sakemm l-ufficcju tal-kompetizzjoni sar awtorita. Huwa kien lahaq lill-attrici tahdem mal-ufficcju tal-kompetizzjoni u kien jafha bhala persuna maghrufa fis-suggett li kienet konsulent tal-Ministru u kienet lahqet DG. F'dak l-ufficcju huwa kien habib l-iktar ma' Stefan Vella, li kien jahdem mieghu fl-istess dipartiment u l-istess kamra. Qal li meta kienu hargu applikazzjonijiet ghall-post ta' Direttur huwa kien cempel lill-attrici u inkoragiha biex tapplika ghaliex kien jafha personalment u kien jaf l-integrita taghha.

Huwa ltaqa' mal-membri tal-Bord tal-Ghazla qabel ma' saru l-*interviews* peress illi l-ewwel kellhom jiftehmu fuq il-kriterji tal-ghazla u kif kellhom jinqasmu l-marki. Spjega li l-marki fir-rigward tal-post ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni) kienu qassmuhom

b'referenza ghall-artikolu 13 (1)(2) tal-Att Dwar il-Kompetizzjoni peress illi dan l-artikolu jistabilixxi rekwiziti legali li jrid ikollu d-Direttur Generali. Qal li ghalihom l-ufficcju tal-kompetizzjoni dejjem kien ikkonsdrat bhala separat fl-operat u huwa kwazi indipendenti mill-Awtorita. Mistoqsi x'kien il-kontribut tieghu fit-tfassil ta' dawn il-kriterji spjega li huwa ta' hjiel biex jghin lill-applikanti, fis-sens illi biex tmexxi l-ufficcju tal-kompetizzjoni trid ikollok mhux biss kwalifiki akkademici izda wkoll bizzejjed esperjenza ta' gurisprudenza partikolarment peress li jkun hemm kazijiet li jitilghu il-Qorti u trid tmexxihom qisek prosekutur.

Dwar kif inhadmu l-marki tal-kandidati f'dan il-kaz xehed illi kull membru tal-Bord tal-Ghazla ta l-marka tieghu imbaghad ittiehdet il-medja tat-tlett marki. Qal illi l-marki inghataw ezatt wara l-*interview* tal-attrici, u meta gie suggerit lilu li wahda mill-membri tal-Bord, u cioe Paulanne Mamo harget mill-kamra fl-istess hin mal-attrici qal illi ma jistax jispjega dan u li ma jafx li Mamo kienet telqet mill-ewwel bhala fatt. Il-marki li huwa ta lill-attrici ma kinux ibbazati biss fuq l-*interview* izda kienu ibbazati primarjament fuq ic-CV li hija ssottomettiet. Hu ra wkoll is-service u leave record tal-attrici, l-applikazzjoni taghha, ic-certifikati u r-referenzi, izda r-rizultat tas-psychometric test ma kienx f'idejh. Mistoqsi jekk hu kienx tal-fehma li l-attrici kienet idoneja ghall-post wiegeb mill-aspett professjonali l-attrici kienet marret tajjeb u li kienet biss naqset f'xi affarijiet zghar. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx isib lill-attrici idoneja ghall-post ta' DG li kieku kien wahdu fl-ghazla wiegeb "Ma nixtieqx nirrispondi." Ftit wara zied pero illi "*I stand by the mark"* u li l-attrici ma kinitx idoneja ghall-post "*due to her performance*."

Xehed illi huwa ma kellux bzonn il-parir ta' psikjatra jew psikologa fir-rigward tal-abilitajiet tal-attrici ghaliex kien hadem maghha u ghalhekk kellu esperjenza diretta tal-mod kif tahdem. Iddeskriviha bhala "persuna abbli, persuna pozittiva, persuna li hadmet fuq il-policy" u li kemm il-darba ghenitu fi problemi li kellu. Mistoqsi kif allura jiggustifika li l-attrici wehhlet mill-ezami minhabba l-performance taghha wara interview ta' ftit minuti wiegeb li waqt interview ghandek kodici li trid timxi mieghu. Xehed illi huwa ma jaqbilx dwar kif il-marki jigu allokati ghall-kwalifiki.

Mistoqsi dwar il-fatt li l-pass mark giet stabbilita f'marka ta' 60% xehed illi din kienet decizjoni li ha l-Bord kollu, ghalkemm ma jiftakarx min kien issugeriha. Ir-raguni wara din id-decizjoni kienet li din il-kariga ggor maghha responsabbilita kbira u l-persuna

maghzula tehtieg li jkollha intelligenza aktar mill-medja. Xehed li hu jiftakar x'mistoqsijiet ghamel lill-attrici u jiftakar li kienet irrispondiet tajjeb hafna, hlief ghal xi affarijiet zghar u ta' ftit importanza. Mistoqsija ghalfejn allura l-attrici ma ghaddewiex wiegeb "Le le mhux jiena wahhlitha s-sistema."

Xehed illi l-kriterju ta' *management* ma kienx kriterju doppju ghaliex *management* relatat ma' *professional knowledge* kien intiz biss sabiex tissepara dawk il-kandidati li kellhom kwalifiki akkademici biss versu dawk li kellhom esperjenza professjonali relattivi ghal dawk il-kwalifici. Mistoqsi kif jiggustifika l-marka baxxa li inghatat l-attrici f'dan ir-rigward xehed illi dan kien ghaliex l-attrici ma kinitx kapaci tirrispondi domanda dwar ir-rizorsi mehtiega fir-rigward tal-IT. Ikkonferma illi l-attrici instabet li m'hijiex idoneja ghall-kariga ta' Direttur Generali minhabba l-personalita taghha fl-ambitu tal-amministrazzjoni tal-kariga aktar milli minhabba l-abilita taghha personali bhala professjonista, u li li kieku l-gudizzju kien biss fuq l-abilita teknika u professjonali taghha kienet tghaddi *with flying colours.* Fl-opinjoni tieghu l-attrici hija kapaci tamministra izda dan ma wrietux waqt l-*interview.*

Xehed illi kieku kien ghalih ma kienx ihalli li l-organizazzjoni titlef lill-attrici ghaliex kienet *asset* u kienet "*intellectual capital"* u rinomata fis-suggett, izda l-ewwel darba li kienet giet appuntata kienet intghazlet fuq kunfidenza u esperjenza tal-ministru izda din id-darba il-kwistjoni ma waqfitx hemm ghaliex il-Bord tal-Ghazla ried jara x'vizjoni ghall-futur kellhom il-kandidati, u l-attrici ma rnexxiliex tesprimi vizjoni ghall-futur. Qal illi kieku kien ghalih personali hu kien japprovaha izda kien marbut b'dawn il-parametri li kellhom. Mistoqsi jekk tul il-process tal-ghazla giex avvicinat minn xi hadd li kellmu dwar l-ghazla wiegeb li le u li kieku gara dan kien jitlaq il-barra.

Paulanne Mamo xehdet illi llum il-gurnata tokkupa l-kariga ta' Accountant General ta' Malta filwaqt illi fiz-zmien relevanti ghal din il-kawza kienet tokkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Gustizzja. Hija qualified accountant b'Masters degree f'business administration u diploma fl-amministrazzjoni pubblika, u hija senior lecturer fl-Universita ta' Malta fis-settur tal-accountancy u public policy. M'ghandha l-ebda esperjenza jew kwalifiki fil-kamp tal-ligi tal-kompetizzjoni. Kienet involuta fil-Bord tal-Ghazla in kwistjoni wara li giet mitluba biex tkun membru mis-Segretarju Permanenti Joseph Camilleri. Hi u Camilleri kellhom esperjenza sostanzali

fl-ghazla ta' Diretturi u Diretturi Generali b'mod generali fl-amministrazzjoni pubblika ghaliex jaghmlu parti mis-Senior Advisors Selection Committee.

L-ewwel parti tal-process tal-ghazla kienet tinvolvi skrutinju individwali mill-membri tal-Bord tac-CVs sabiex jigi accertat li l-kandidati kienu eligibbli, u mbaghad iltaqghu sabiex jiehdu decizjoni kollettiva dwar l-eligibbilita tal-kandidati. Il-Bord tal-Ghazla kien ukoll stabilixxa l-kriterji tas-selezzjoni, u sa fejn taf hi dawn il-kriterji ma nbidlux. Fir-rigward tal-abilities required for the post u personal abilities qalet illi hafna mill-marka tiddependi minn dak li l-kandidat ikun qal waqt l-interview.

Dwar l-attrici qalet illi naqset fir-rigward tal-vizjoni strategika ta' kif kienet qed tara l-Awtorita fi zmien tlett snin, u m'urietx kapacita fi tmexxija tan-nies ta' madwarha. Qalet illi mill-*interview* l-attrici tat l-impressjoni li kienet "*very self-centred"* li ghaliha kienet xi haga problematika. Qablet illi ghall-mistoqsija dwar l-istrategija u l-vizjoni taghha ghall-Awtorita l-attrici semmiet fost ohrajn *cartel investigations, advocacy* mal-awtorita pubblika, *market sector enquiries* u *public awareness* fuq il-ligi tal-kompetizzjoni. Mistoqsija x'kien qed jigi pretiz iktar wiegbet li huma jippretendu li jkun hemm *added value* lil Awtorita mhux biss fuq il-ligi tal-kompetizzjoni imma wkoll fuq l-immanigjar tal-ufficcju, bhal per ezempju l-akkwizizzjoni ta' fondi mill-Unjoni Ewropea. Spjegat li hi stenniet soluzzjonijiet u mhux biss proposti.

Mistoqsija dwar iz-zewg kriterji ta' *management* spjegat illi l-ewwel kriterju jirrelata ma' dak li ghandu x'jaqsam it-tmexxija tal-ufficcju partikolari, filwaqt li l-kriterju l-iehor huwa aktar kollettiv, fis-sens ta' kemm b'mod holistiku l-persuna hi istruita li tista' tasal li ggib rizultati. Mistoqsija jekk tahsibx li hemm *overlap* bejn iz-zewg kriterji wiegbet illi hi ma tistax tghaddi gudizzji ghaliex din kienet id-direzzjoni li kellhom mill-kapijiet taghhom u huma segwewha, u kienet tkun qed tonqos li kieku biddlitha. Kjarifikat illi s-sub-criteria kienu gew mahluqa mill-Bord tal-Ghazla, izda kienu jsegwu dawk li jintuzaw fi kwalunkwe kumitat tal-ghazla.

Qalet illi l-marki hadmuhom ezatt wara l-*interview* tal-attrici u nnegat li hija kienet telqet minn fuq il-post ezatt flimkien mal-attrici. Ziedet li fi kwalunkwe kaz, il-fatt li tkun harget dak il-hin ma jfissirx li ma tkunx regghat irritornat. Qalet li fuq il-panel ma kienx hemm

diskrepanzi kbar fl-ammont ta' marki li riedu jaghtu lill-attrici. Dwar il-pass mark qalet illi din hija standard fil-kazijiet kollha.

Spjegat li qabel l-*interviews* kienet inghatat *brief* tal-aspetti teknici tal-kariga u fuq xiex jikkonsisti x-xoghol tal-awtorita. Ma kien hemm l-ebda diskors fil-panel rigward l-abilita tal-kandidati qabel ma saret l-intervista. Kull membru tal-Bord tal-Ghazla staqsa mistoqsijiet lill-attrici, u minn naha taghha hi staqsiet fuq *management, leadership* u fuq vizjonijiet. Mistoqsija x'qalet l-attrici waqt l-*interview* li tatha l-impressjoni li l-attrici hija *self-centred* spjegat illi fid-domandi kollha l-*focus* kien dejjem jerga jdur fuq l-attrici li l-*achievements* li graw graw ghax kien hemm hi. Ghaliha din kienet xi haga problematika ghaliex f'din il-kariga ma kien ser ikun hemm hadd li jghinha tizviluppa dawn l-abilitajiet.

Il-Professur Vincent Cassar xehed illi huwa kien gie inkarigat sabiex jaghmel il-psychometric tests lill-kandidati ghas-sejha tal-applikazzjonijiet tal-MCCAA. L-iskop ta' dan it-test kien li jaraw il-potenzjal ta' kull kandidat li jkun elegibbli ghall-intervista li kellha ssir. Huwa ma ltaqax mal-kandidati waqt l-intervista, izda ltaqa' maghhom meta sar it-test. Spjega li t-test li gie uzat ghandu tradizzjoni u ricerka b'sahhitha warajh, pero bhal kwalunkwe test ghandu d-difetti tieghu u ghalhekk kienet saret *feedback* session ma' kull kandidat. L-iskop ta' din is-sessjoni kienet li huwa jaghti indikazzjoni lil Bord tal-Ghazla jekk hemmx xi problema u ma dehrlu li kien hemm xejn.

Dwar l-attrici xehed illi mit-test li ghamlet irrizultalu li ma kien hemm l-ebda problemi li kellhom jitpoggew a konjizzjoni tal-Bord tal-Ghazla, u rrizulta li l-attrici hija kapaci hafna fir-rigward ta' *leadership potential.* Mill-profil ma rrizultax li kien hemm xi problemi fir-rigward tal-abilitajiet manigerjali tal-attrici. Ma rrizultax lanqas li l-attrici hija *self-centred.* Ikkomparat ma' ohrajn, mit-test irrizulta li l-attrici tipikament hija perfezzjonista, *self-controlled*, *low on tension.*

Dr. Chris Said xehed illi l-MCCAA ma kinitx tezisti meta kien responsabbli mill-affarijiet tal-kompetizzjoni. Mistoqsi sabiex jispjega ghalfejn twaqqfet l-Awtorita wiegeb illi din kienet weghda elettorali u kienet intiza sabiex ikun hemm aktar indipendenza. L-awtorita kienet iffurmata minn bord ta' gvernaturi u erba' ufficji li kull wiehed ghandu l-qasam tieghu u kull wiehed minn dawk l-ufficji jahdem b'mod indipendenti b'mod

partikolari fejn jirrigwarda l-applikazzjoni u l-infurzar tal-ligi. Mistoqsi jispjega kif kienet tiffunzjona l-Awtorita wiegeb illi il-Bord tal-Gvernaturi kellu f'idejh it-tmexxija tal-Awtorita fejn jidhol *management,* rizorsi umani, *budget* u affarijiet simili, filwaqt li kull ufficcju kellu direttur generali li ried jahdem b'indipendenza mill-bord tal-gvernaturi li ma setax jindahal fl-operat tad-DGs specjalment fejn tidhol l-applikazzjoni u l-infurzar tal-ligi. Din il-kwistjoni ta' indipendenza kienet inghatat importanza kbira ghaliex fit-tfassil tal-ligi l-intenzjoni kienet illi ma jkun hemm l-ebda indhil politiku fl-applikazzjoni u l-enforzar tal-ligijiet li jaqghu taht il-kappa ta' dawn l-ufficcji u ghalhekk holqu diversi *firewalls* bejn l-esekuttiv u l-Bord tal-Awtorita, u bejn il-Bord tal-Awtorita u d-Diretturi Generali, tant li l-ligi tispecifika liema huma dawk l-istanzi fejn il-Ministru jista' jaghti direzzjoni, u l-ligi teskludi espressament indhil mill-Ministru u mill-Bord tal-Gvernaturi f'dak li ghandu x'jaqsam decizjonijiet u investigazzjonijiet mid-Diretturi Generali. Zied li r-raguni ghal dan hija cara, ghaliex ix-xoghol tad-direttorati kien jinvolvi kazijiet sensittivi hafna li hafna drabi jinvolvu ammonti kbar ta' flus u allura l-ligi hasbet biex tevita abbuz.

Rigward l-attrici xehed illi meta inghata l-qasam tal-kompetizzjoni beda jfittex persuna intiza f'dan is-settur u wahda mill-persuni li gew indikati lilu kienet proprju l-attrici. L-attrici kienet accettat li tghin lis-segretarjat tieghu b'mod partikolari fit-tfassil tal-ghanijiet principali u kienet indikatlu wkoll lill-Imhallef Eugene Buttigieg li kien eventwalment accetta li jservi ta' konsulent sabiex jaslu ghall-iskop li kellhom. L-attrici kienet involuta fl-abbozzar tal-ligi, fil-process tal-konsultazzjoni u laqghat. Kienet involuta fil-process tal-holqien tal-Awtorita mill-bidu sal-ahhar u filfatt kienet hi li mexxiet il-process, bl-ghajnuna ta' Eugene Buttigieg. Iddeskriva lill-attrici bhala persuna oggettiva hafna, iffokata u taf xi trid, li mill-bidu nett kellha vizjoni cara ta' fejn riedet li jaslu. Kienet involuta sew waqt il-process tal-parlament, li kien process difficli, u kienet il-hin kollu hemm u tghin biex isiru l-emendi li kien hemm bzonn biex johorgu l-prodott finali. Mistoqsi jekk l-attrici kellhiex vizjoni xehed illi bla dubbju li kellha vizjoni u li filfatt dak li hemm fil-ligi u li riedu jaghmlu fil-qasam tal-kompetizzjoni u l-konsumatur hafna minnu huwa l-vizjoni tal-attrici.

Mistoqsi x'kien l-iskop wara l-artikolu 13(2) tal-ligi tal-kompetizzjoni spjega illi hu ried jaghmel fil-ligi kriterji oggettivi li jkunu identifikati b'mod semplici biex kemm jista' jkun f'dawn il-karigi jkun persuni li jkunu kwalifikati ghaliex dawn il-persuni riedu jerfghu ir-

responsabbilita ta' decizjonijiet importanti hafna b'mod independenti. Mistoqsi jekk kriterji ta' *management* thallewx barra intenzjonalment jew b'*oversight* xehed illi aktar ma ddahhal kriterji aktar ser tillimita milli ssib persuna addatata u ghalhekk kien irraguna li peress li fl-Awtorita kien ser ikun Bord ta' Gvernaturi li jkun responsabbli ghall-immanigjar tal-Awtorita, u peress li persuna bil-kwalifici u esperjenza rikjesta necessarjament tkun zviluppat certu *know how* ta' *management* evita l-kwistjoni ta' *management* biex ma jaghmilix aktar difficli li tinstab persuna addatata ghal dak ix-xoghol. Mistoqsi dwar il-*management skills* tal-attrici xehed illi l-ewwel sena u nofs tal-Awtorita kienu difficli peress li l-Awtorita kienet ghadha tibda u l-erba' diretturi generali, inkluz l-attrici, ghamlu mirakli ghaliex bir-restrizzjonijiet li kien hemm id-direttorati kienu qed jahdmu b'mod eccellenti.

Dwar il-*Coordinating Committee* xehed illi l-iskop tieghu kien li jkun *link* bejn il-Bord tad-Diretturi u d-Diretturi Generali u kien maghmul mic-Chairman tal-Awtorita u l-erba' Diretturi Generali.

Dr Aloisio Bianchi xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni). Waqt li l-attrici kienet Direttur Generali huwa kien jokkupa l-kariga ta' *case officer* u kien jahdem maghha kuljum. Kellu relazzjoni eccellenti maghha u ghalih kienet *plus* li kien jahdem maghha ghaliex hija kienet esperta fis-suggett. Kien ihossu komdu jiddiskuti kwistjonijiet ta' xoghol mal-attrici, u jiddeskriviha bhala persuna esperta, metikoluza u dejjem prezenti. Jghid li tghallem hafna minnha, u kien anke ra bidla fil-mod kif kien janalizza l-gurisprudenza tal-ligi tal-kompetizzjoni. Ghalkemm kienet tokkupa kariga superjuri, l-attrici dejjem kienet tisma l-opinjonijiet tieghu u kienet tigwidahom u anke tghidilhom biex jaqraw kotba. Kienet tigwidahom biex jiffukaw fuq kazijiet li kienu jirrigwardaw *consumer welfare* u kien jaraha li kellha vizjoni. Kienet organizzat konferenza ghall-imhallfin ghaliex xtaqet li jkun hawn gharfien fuq is-suggett u kienet dejjem riedet tara li d-decizjonijiet tal-ufficcju jkunu *grounded* u sodi. Bhala hinijiet tax-xoghol xehed li b'mod regolari kienu jdumu l-ufficcju flimkien mal-attrici anke wara l-hinijiet regolari tax-xoghol. Xehed illi huma kienu jaghmlu r-ricerka dwar il-kazijiet u kien ikun hemm diskussjoni mal-attrici bhala DG peress li kienet ovja li jekk ikollhom xi diffikulta jmorru jitkellmu maghha jew ma' *senior officer.* Huwa kien jattendi laqghat tal-European Competition Network b'mod rregolari u l-attrici kien

tixprunahom biex imorru tant li kien hemm drabi fejn hu stess irrifjuta li jmur ghaliex kien qieghed jattendi b'mod regolari hafna.

L-Inginier Helga Pizzuto xehdet illi hija Chairperson tal-Awtorita tal-Kompetizzjoni u Konsumatur u prezentat informazzjoni dwar il-paga bazika, allowance u ammonti ohra li jithallsu d-diretturi generali, u wkoll il-pakkett finanzjarju relattiv ghal general senior case office fi skala hamsa. Xehdet li t-terminu tad-DG Kompetizzjoni skada fl-1 ta' Dicembru 2018, tal-Consumer Affairs f'Jannar 2018 u taz-zewg DGS l-ohra fit-13 ta' Jannar 2018 u kollha apparti tal-Consumers Affairs kienu ghadhom DGS fid-data tax-xhieda taghha fil-11 ta' Marzu 2020 wara estensjoni tat-terminu taghhom, sakemm jinghalaq il-process kurrenti tas-sejha ghall-applikazzjoni. Id-DG tal-Consumers Affairs ma hax estensjoni peress illi spicca biz-zmien.

**Legittimu kontradittur**

Il-konvenuti eccepew preliminarjament illi l-konvenuti kollha m'humiex legittimi kontradittur f'din l-azzjoni, hlief ghal Marcel Pizzuto (illum Helga Pizzuto) bhala Charmain tal-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur u in rapprezentanza tal-istess Awtorita.

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-argument tal-attrici illi l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta m'huwiex applikabbli f'dawn il-proceduri ghaliex l-Awtorita konvenuta m'hijiex parti mill-Gvern huwa infondat. Irrispettivament mill-indipendenza u l-awtonomija li l-Awtorita konvenuta tgawdi, l-Awtorita tibqa' fi kwalunkwe kaz parti mill-organu amministrattiv tal-Istat, u cioe il-Gvern. Dan l-argument tal-attrici jinsab filfatt kompletament kontradett mill-artikolu 12 tal-Kapitolu 510 tal-Ligijiet ta' Malta, li effettivament ipoggi lil Awtorita taht il-kontroll tal-Ministru responsabbli sa fejn dan huwa kompatibbli mal-ligi, tant illi jaghti lil Prim'Ministru l-poter illi jitrasferixxi lil Ministru responsabbli il-funzjonijiet kollha jew parti minnhom tal-Awtorita fil-kaz illi ma ssegwix id-direttivi tal-Ministru skont kif provdut f'dan l-artikolu, u dan kif jidher mis-segwenti sub-incizi tal-artikolu 12:

> "(2) Hlief kif provdut f'dan l-Att, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, l-Att dwar il-Kompetizzjoni, l-Att dwar is-Sigurezzatal-Prodotti, l-Att dwar il-Metrologija, l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-Att dwar il-Kontroll tal-Pesticidi, l-Att dwar il-Haddiema d-Deheb u l-Haddiema l-Fidda (Argentiera) u kull Att jew regolamenti ohra amministrat mill-Awtorità, l-Awtorità ghandha tkun taht id-

direzzjoni generali u kontroll tal-Ministru, u soggetta ghal dik id-direzzjoni u kontroll, taht is-supervizjoni tas-Segretarju Permanenti responsabbli ghall-Ministeru.

(3) Il-Ministru jista', ghar-rigward ta' dawk l-affarijiet li jkunu jidhrulu li jolqtu l-interess pubbliku, minn zmien ghal zmien, jaghti lill-Awtorità direttivi bil-miktub ta' xorta generali, li ma jkunux inkonsistenti mad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, l-Att dwar il-Kompetizzjoni, l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, l-Att dwar il-Metrologija, l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-Att dwar il-Kontroll tal-Pesticidi, l-Att dwar il-Haddiema d-Deheb u l-Haddiema l-Fidda (Argentiera) u kull Attjew regolamenti ohra amministrati mill-Awtorità, dwar il-politika li ghandha tigi segwita mill-Awtorità fit-twettiq tal-funzjonijiet taghha, b'dan l-Att jew tahtu, u l-Awtorità ghandha, kemm jista' jkun malajr, iggib fis-sehh dawk id-direttivi kollha.

[…]

(6) Jekk l-Awtorità tonqos milli thares xi direttiva mahruga skont dan l-artikolu, il-Prim Ministru jista' jaghmel ordni li biha jittrasferixxi lill-Ministru kull jew parti mill-funzjonijiet taghha."

Inoltre, l-Awtorita konvenuta hija suggetta ghad-dettami tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u hija meqjusa minnu bhala parti mill-amministrazzjoni pubblika. L-istess Att jiddefenixxi t-terminu "amministrazzjoni pubblika" bhala "il-Gvern ta' Malta" u dan fl-artikolu 2 (1).

Ghalhekk huwa car illi dan l-argument tal-attrici huwa manifestament infondat ghaliex ma jsib l-ebda fundament fil-ligi applikabbli.

L-artikolu 181B(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

"Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:

Izda, minghajr pregudizzju ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu:
(a) kawzi ghall-gbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistghu f'kull kaz isiru mill-Accountant General;
(b) kawzi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistghu f'kull kaz isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;
(c) kawzi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistghu f'kull kaz isiru mid-Direttur tal-Kuntratti."

Il-Qorti hija tal-fehma illi Marcel Pizzuto bhala Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur u in rapprezentanza tal-istess Bord huwa wkoll legittimu kontradittur f'din l-azzjoni. Il-Bord

tal-Gvernaturi kellu f'idejh id-decizjoni dwar il-hatra ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni) skont il-ligi. Ghalkemm huwa minnu li ddelega l-process tal-ghazla lil Bord tal-Ghazla mahtur minnu, il-Bord tal-Gvernaturi ghamel tieghu id-decizjoni tal-Bord tal-Ghazla u l-process shih addottat minnu. Ghaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti il-Bord tal-Gvernaturi gie legitimament u korrettement intimat f'dawn il-proceduri.

Fir-rigward tal-eccezzjoni illi Joseph Camilleri bhala Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili u l-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili l-Qorti mhix legittimu kontradittur tirrileva illi skont l-artikolu 13(2) tal-ligi huwa l-Ministru responsabbli nnfisu li huwa nvolut fil-hatra tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni). Ghalhekk mill-ligi ma jirrizultax illi s-Segretarju Permanenti huwa inkarigat fl-ghazla u l-hatra tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) skont kif provdut fl-artikolu 181B(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ma jirrizulta illi s-Segretarju Permanenti kien effettivament involut f'din il-kwistjoni fil-vesti tieghu bhala Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru responsabbli.

Fir-rigward tal-Ministru mbaghad, jirrizulta illi skont il-ligi il-funzjoni tal-Ministru illi jikkonsulta mal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita konvenuta ghall-hatra tal-Direttur Generali (Kompetizzjoni), izda skont il-ligi il-hatra ta' dan id-Direttur hija f'idejn il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita konvenuta. Inoltre, mill-atti jirrizulta illi l-Ministru responsabbli ma kien bl-ebda mod involut fil-process tal-ghazla in kwistjoni billi kienet ideja tal-Bord tal-Gvernaturi, fuq parir mill-Avukat Generali, li jikkostitwixxi Bord tal-Ghazla inkarigat li jaghzel il-kandidat l-aktar idoneju ghal din il-posizzjoni. Ghaldaqstant jirrizulta bhala stat ta' fatt illi l-Ministru konvenut ma kienx involut fil-process tal-ghazla mertu ta' dawn il-proceduri u ghaldaqstant m'huwiex legittimu kontradittur f'din l-azzjoni.

Jonqos ghalhekk li tigi meqjusa din l-eccezzjoni fir-rigward ta' Joseph Camilleri bhala Chairman tal-Bord tal-Ghazla u Joseph Callus u Paulanne Mamo bhala membri tal-istess Bord. Il-Qorti tosserva illi l-Bord tal-Gvernaturi kien hatar lil Bord tal-Ghazla sabiex imexxi l-ghazla tal-kandidati ghall-kariga tad-Direttur Generali kollha, inkluz tal-Kompetizzjoni u tad-Direttur tal-Awtorita. Il-Bord tal-Ghazla stabilixxa huwa stess il-kriterji tal-ghazla li fuqhom kellhom jigu ezaminati l-applikazzjonijiet u l-kandidati,

ghalkemm il-Bord tal-Gvernaturi ghamel emenda f'dawn il-kriterji sabiex tinghata aktar importanza lil hiliet manigerjali. Jirrizulta wkoll illi l-Bord tal-Ghazla kien ha d-decizjoni illi l-kandidati jissottomettu ruhhom ghal *psychometric* test bhala parti mill-process tal-ghazla. Kien il-Bord tal-Ghazla li evalwa l-kandidati u tahom marka finali, u kien il-Bord tal-Ghazla li ddecieda li l-*passmark* kellha tkun 60%. F'dan il-kaz kienet ukoll decizjoni tal-Bord tal-Ghazla illi hadd mill-kandidati ma kien idoneju ghal kariga ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni), decizjoni li giet accettata mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita konvenuta minghajr l-ebda rimarka jew mistoqsija. Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti huwa car li Joseph Camilleri bhala Chairman tal-Bord tal-Ghazla gie intimat korrettement f'dawn il-proceduri. Ma kien hemm l-ebda htiega pero illi Joseph Callus u Paulanne Mamo bhala membri tal-istess Bord jigu imsemmija galadarba l-Bord huwa sufficjentement rapprezentat mic-Chairman tieghu.

Fir-rigward tal-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni b'referenza ghall-ilment tal-attrici dwar it-twissija/proceduri ta' dixxiplina inizjati kontra taghha, il-Qorti tirrileva illi jirrizulta li d-decizjoni in kwistjoni kienet ittiehdet biss mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita konvenuta u l-Bord tal-Ghazla, is-Segretarju Permanenti u l-Ministru responsabbli konvenuti ma kellhom xejn x'jaqsmu f'din il-kwistjoni. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi hija l-Awtorita konvenuta li tirrispondi ghal dan l-ilment tal-attrici stante li kif inghad, l-eghmejjel tal-Bord maghmula in adempiment tal-funzjonijiet tieghu skont il-ligi jorbtu lill Awtorita li konsegwentement terfa' r-responsabbilita taghhom hi.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija misthoqqa u qed tigi milqugha fir-rigward ta' Joseph Camilleri bhala Segretarju Permenanti fil-Ministeru tad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili, Paulanne Mamo u Joseph Callus bhala membri tal-istess Bord tal-Ghazla, u l-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili hija misthoqqa u qed tigi milqugha. L-eccezzjoni qed tigi milqugha wkoll fil-konfront ta' Joseph Camilleri bhala Chairman tal-Bord tal-Ghazla limitatament fir-rigward tal-hames talba attrici.

**L-interess guridiku tal-attrici**

Permezz ta' din l-eccezzjoni il-konvenuti eccepew illi l-attrici ghandha tressaq prova tal-interess guridiku taghha.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-interess guridiku tal-attrici f'din l-azzjoni huwa altru milli pruvat. Jirrizulta u m'huwiex kontestat illi l-attrici kienet wahda mill-applikanti ghas-sejha ghall-applikazzjoni ghal Direttur Generali (Kompetizzjoni) mertu ta' dawn il-proceduri. Jirrizulta wkoll illi l-attrici ma kinitx giet irrakomandata ghal din il-kariga u ghaldaqstant hija intlaqtet direttament u personalment mill-eghmejjel impunjati minnha f'dawn il-proceduri. Ghalhekk huwa car illi l-attrici ghandha l-interess guridiku rikjest sabiex titlob stharrig gudizzjarju f'dan il-process sabiex jigi determinat jekk il-process kienx ivvizjat. Il-fatt li l-attrici sabet impjieg iehor nell frattemp ma jnaqqas xejn mill-interess guridiku taghha f'dawn il-proceduri. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Il-proponibilita o meno ta' din l-azzjoni kontra l-membri tal-Bord tal-Ghazla**

Il-konvenuti eccepew illi din l-azzjoni m'hijiex proponibbli kontra l-membri tal-Bord tal-Ghazla ghaliex il-Bord tal-Ghazla ma wettaq l-ebda wiehed mill-eghmejjel lamentat mill-attrici.

Il-Qorti tosserva illi Paulanne Mamo u Joseph Callus gew illiberati mill-osservanza tal-gudizzju u ghaldaqstant il-mertu ta' din l-eccezzjoni fil-konfront taghhom huwa ezawrit.

Fir-rigward ta' Joseph Camilleri bhala Chairperson tal-Bord tal-Ghazla, il-Qorti tirrileva illi, kif gia inghad, il-Bord tal-Ghazla ma ezercitax funzjoni merament rakkomodattiva jew sekondarja, izda kien involut sew u direttament fil-process tal-ghazla ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni) tant illi kien hu li stabilixxa l-kriterji tal-ghazla, kien hu li ddecieda li l-kandidati ghandhom jissottomettu ruhhom ghal psychometric test, kien hu li stabilixxa *pass mark* ta' 60% u kien hu li ddecieda li l-ebda kandidat ma kien idoneju ghal kariga. Ghalkemm huwa minnu illi l-Bord tal-Gvernaturi kellu l-kelma finali f'dan il-process jirrizulta illi fl-ahhar mill-ahhar accetta u irratifika id-decizjoni tal-Bord tal-Ghazla u li inoltre kien hatar Bord tal-Ghazla proprju sabiex ipoggi certu distanza bejnu u bejn il-process tal-ghazla minhabba divergenza li kien hemm bejn il-Bord tal-Gvernaturi u l-attrici. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni hija nfondata u qed tigi michuda.

**Il-proponibilita o meno ta' din l-azzjoni kontra s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru konvenut**

Peress illi din il-Qorti sabet illi s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministru konvenuti m'huwiex il-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni u ghaldaqstant illibertu mill-osservanza tal-gudizzju, il-mertu ta' din l-eccezzjoni jinsab ezawrit.

**It-twissija/process ta' dixxiplina kontra l-attrici**

L-attrici tilmenta illi l-Bord konvenut naqas milli jirrispetta u jsegwi l-ligijiet applikabbli ghall-kaz, u cioe il-Public Service Management Code, l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur, u li l-Bord agixxa ultra vires, kiser il-principji ta' gustizzja naturali u agixxa b'abbuz ta' poter u bi ksur tal-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta beda proceduri ta' dixxiplina kontra taghha.

Jirrizulta illi bejn l-attrici u l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita konvenuta kien zviluppa disgwid wara illi l-attrici irrifjutat li tissottometti rapport ta' investigazzjoni li kienet giet mitluba mill-Ministru tal-Finanzi fuq interess u *charges* bankarji, u dan peress li insistiet illi d-Direttur Generali (Kompetizzjoni) huwa indipendenti u awtonomu u ma jistax jaqbad u jibda investigazzjoni fuq talba tal-Ministru izda biss jekk jirrizultalu suspett ragonevoli u li ma setghat tghaddi l-ebda rapport lil Bord jew lil Ministru dwar kwalunkwe investigazzjoni tal-ufficcju taghha qabel ma dan jigi ppublikat ghal pubbliku in generali.

Fis-7 t'April 2014 l-attrici kienet irceviet ittra minghand ic-Chairman tal-Awtorita permezz ta' liema kienet giet infurmata illi "Fic-cirkostanzi l-Bord behsiebu jtik twissija. Inti qed tinghata ghaxart ijiem ta' xoghol zmien minn meta tircievi din l-ittra biex tirrispondi lill-Bord." L-attrici kienet wiegbet ghal din l-ittra fl-17 ta' April 2014 permezz ta' liema cahdet bil-qawwa u permezz ta' sottomissjoniet tassew dettaljati fil-kontenut tal-ittra msemmija.

Fis-16 ta' Mejju 2014 il-Bord tal-Gvernaturi baghat ittra ohra lill-attrici permezz ta' liema infurmaha illi l-ittra tas-7 t'April 2014 kienet intbghatet ai termini tal-artikolu 5(4) tal-Kapitolu 510 tal-Ligijiet ta' Malta. F'din l-ittra l-Bord kien widdeb ukoll ill-attrici ghat-ton taghha, u filwaqt li gibdilha l-attenzjoni li hija naqset milli ssegwi ordnijiet legittimi moghtija lilha skont il-ligi, irriserva li jiehu dawk id-decizjonijiet u l-passi kollha li jidhirlu opportuni fir-rigward." Sussegwentement l-attrici informat il-Bord li hija kienet irceviet

din l-ittra fl-19 ta' Mejju u ghalhekk kellha tigi kkonsidrata notifikata ghal finijiet ta' dritt ta' risposta minn dik id-data. Fl-20 ta' Mejju il-Bord baghat email lill-attrici li jaqra hekk "B'referenza ghall-email tieghu, ninfurmak li l-Bord qed ittik l-opportunita li tirrispondi ghall-ahhar ittra li intbghatitlek qabel jiehu decizjoni dwar x'passi ghandu jiehu." L-attrici issottomettiet ir-risposta taghha fit-3 ta' Gunju 2014.

Mill-atti jirrizulta illi effettivament l-ebda passi dixxiplinari ma ttiehdu kontra l-attrici. Lanqas ma jirrizulta illi kienu effettivament inbdew proceduri dixxiplinari kontra taghha. Dak li jirrizulta huwa li l-Bord kien qieghed jikkonsidra jibda procedura ta' dixxiplina izda dawn il-proceduri qatt ma inbdew u qatt ma ttiehdu xi passi dixxiplinari kontra l-attrici. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Hamid Rami vs Id-Direttur tac-Cittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni et** (PA 07/02/2014), fejn il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

> "Illi huwa stabbilit ukoll li biex wiehed jista' jressaq azzjoni ta' stharrig gudizzjarju, jehtieg juri li kien hemm xi decizjoni jew rifjut ghal talba maghmula jew il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess jew warrant li jsiru minn awtorita' pubblika sakemm din id-decizjoni, ordni, licenza, permess jew warrant ma ssirx bil-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fi hdan dik l-istess awtorita'. Izda mhux kull kitba li tohrog minn hdan xi awtorita' pubblika tikkostitwixxi "decizjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun ghalqet kwestjoni jew ilment billi tghid li dik hija l-fehma ahharija tal-awtorita' pubblika li tkun ghall-ilment jew ghat-talba li jkunu sarulha (Jupiter Co. Ltd. et vs Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, App 03/04/2009)."

Fid-dawl ta' dan, huwa evidenti illi ma jirrizultax illi l-attrici uriet li kien hemm xi decizjoni jew hrug ta' ordni jew xi eghmil iehor li jaqa' entro l-parametri tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa car li qatt ma kien hemm decizjoni ahharija minn naha tal-Awtorita fuq din il-kwistjoni, peress illi mhux biss ma ttiehdu l-ebda passi dixxiplinari kontra l-attrici izda lanqas biss gew inzijati proceduri dixxiplinari. Ghaldaqstant il-hames talba tal-attrici qed tigi michuda.

**Il-process ta' ghazla ghall-kariga ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni)**

Mill-atti jirrizulta illi kien hemm tlett applikanti ghall-posizzjoni vakanti ta' Direttur Generali tal-Kompetizzjoni, inkluz l-attrici. Giet prodotta bhala prova quddiem din il-Qorti l-applikazzjoni tal-attrici, inkluz ir-resume taghha, u numru ta' dokumenti li gew sottomessi minnha in sostenn tal-applikazzjoni taghha. In succint, minn dawn jirrizulta illi l-attrici gradwat mill-Universita ta' Malta b'Diploma ta' Nutar Pubbliku fl-1993 u

Dottorat fil-Ligi fl-1995 b'marki eccellenti. Sussegwentement hija rceviet British Chevening Scholarship u studjat fl-Universita ta' Oxford minn fejn igradwat fl-1996 b'Magister Juris in European and Comparative Law bi grad ta' First Class. Waqt dan il-kors ta' studju hija kitbet tezi rigwardanti l-ligi tal-kompetizzjoni bit-titolu "*Predatory Pricing.*" Jirrizulta li l-attrici kompliet isegwi korsijiet ta' studju u tahrig (*continuous professional training*) u attendiet diversi korsijiet relatati mal-ligi tal-kompetizzjoni, kif ukoll ghamlet *attachment* bejn Lulju u Settembru 2002 mal-awtorita tal-kompetizzjoni Taljana sabiex titharreg fil-metodi ta' investigazzjoni forensi taghhom u tosserva kif jigu difizi l-kawzi tal-ufficcju tal-kompetizzjoni Taljan quddiem it-tribunali u l-qrati kompetenti.

Xahar wara li lestiet l-istudji taghha f'Oxford, u cioe f'Awissu 1996, l-attrici bdiet tahdem bhala Junior Legal Officer fl-Ufficcju tal-Avukat Generali, u fl-1998 giet promossa ghal grad ta' Legal Officer. Fis-sena 1998 hija giet ukoll appuntata Visiting Lecturer and Examiner fi hdan l-Universita ta' Malta f'suggetti li jirrigwardaw primarjament il-ligi tal-kompetizzjoni. F'April tal-1999 l-attrici bdiet tahdem mal-Consumer and Competition Division. F'dan l-ufficcju hija okkupat il-kariga ta' Legal Officer mill-1998, Senior Legal Officer mill-2001, Assistant Director fl-2002 u Director fl-2003. Bejn Settembru 2003 u Lulju 2004 hadmet mal-Competition Directorate-General tal-Kummissjoni Ewropea bhala ricerkatrici, u f'Awissu 2004 regghat marret lura tahdem mal-Consumer and Competition Division bhala Senior Legal Officer u sussegwentement giet promossa ghal kariga ta' Senior Case Officer. Minn Marzu 2010 sa Mejju 2011 l-attrici hadmet bhala Senior Legal Advisor fi hdan l-Ufficcju tal-Prim'Ministru fejn, *inter alia,* kienet involuta fl-abbozzar ta' ligi, inkluz il-Malta Competition and Consumer Affairs Authority Act tal-2011 u fl-emendar tal-ligijiet ezistenti inkluz il-Competition Act, il-Consumer Affairs Act u l-Consumer Credit Regulations. F'Mejju 2011 hija giet appuntata Director General tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni fi hdan il-Malta Competition and Consumer Affairs Authority fejn kienet responsabbli ghall-applikazzjoni u enforzar tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, l-artikoli 101 u 102 tat-TFEU u l-Control of Concentrations Regulations, u wkoll, *inter alia,* ghall-abbozzar ta' legislazzjoni, inkluz il-Collective Proceedings Act, u difiza legali tal-Ufficcju f'kawzi quddiem il-Competition and Consumer Appeals Tribunal u quddiem il-Qrati.

Fir-resume taghha hija tat diversi ezempji ta' artikoli li kitbet, prezentazzjonijiet li ghamlet waqt konferenzi u ligijiet abbozzati minnha, kollha rigwardanti l-ligi tal-kompetizzjoni. Hija tat ukoll ezempji tal-abilitajiet organizattivi taghha fil-koordinazzjoni u amministrazzjoni ta' persuni, progetti u *budgets*. Skont ir-resume tal-attrici din l-esperjenza bdiet sa minn mindu kienet studenta tal-ligi, fejn hija kienet tifforma parti mill-Ghaqda Studenti tal-Ligi u kompliet tizviluppa matul il-karriera taghha mhux biss waqt ix-xoghol li kienet taghmel ghal Gvern, inkluz it-tahrig ta' avukati godda, izda wkoll bil-partecipazzjoni u organizazzjoni ta' diversi konferenzi.

Jirrizulta illi l-attrici inghatat marka totali ta' 56 minn 100. Hija sussegwentement giet informata li kienet falliet ghaliex il-pass mark giet stabbilita bhala 60. Filfatt il-Bord tal-Ghazla ma rrakkomanda l-ebda kandidat ghall-kariga ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni). Il-*breakdown* tal-marki moghtija lill-attrici hija s-segwenti:

| Kriterja | Sub-kriterja | Mark moghtija |
|---|---|---|
| **Related Professional Knowledge (15)** | Responsibilities of the MCCAA Portfolio (5)<br><br>European Union Dimension (5)<br><br>Management (5) | 5<br><br>5<br><br>2 |
| **Relevant Experience (20)** | Legislation/Compliance (Local Context) (6)<br><br>Policy/Drafting and Report Writing (8)<br><br>Years of experience in the field under assessment (6) | 5<br><br>6<br><br>6 |
| | Ability to lead and manage (15) | 5<br><br>3 |

| | | |
|---|---|---|
| **Abilities Required for the Post (40)** | Vision for the area of competence (10)<br><br>Analytical Abilities (10)<br><br>Interpersonal Abilities (5) | 7<br><br>2 |
| **Additional Qualifications (15)** | First Degree (3)<br><br>Master's Degree (5)<br><br>PHD (7) | /<br><br>5<br><br>/ |
| **Personal Qualities (10)** | Personality & Communication Skills (5)<br><br>Motivation & Commitment (5) | 2<br><br>3 |

**Il-validita tal-process tal-ghazla ghall-hatra ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni)**
Din il-Qorti tibda billi tfakkar illi m'huwiex il-kompitu taghha illi tiddeciedi jekk id-decizjoni mehuda mill-konvenuti kinitx wahda tajba jew hazina. Din il-Qorti tista' biss tiddeciedi jekk id-decizjoni mehuda minnhom kinitx wahda legali, inkluz jekk kinitx ibbazata fuq konsiderazzjonijiet relevanti u jekk kinitx ragonevoli. Jekk jirrizulta li d-decizjoni mehuda mill-konvenuti kienet wahda legali u ragonevoli, din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha illi tissostitwiha b'dik id-decizjoni illi kieku kienet tiehu hi, anke jekk ma taqbilx maghha u sahansitra anke jekk, minkejja li legali u ragonevoli, hija decizjoni li l-Qorti tikkonsidra zbaljata.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici targumenta illi l-konvenuti ma kellhomx diskrezzjoni f'dak li jirrigwarda il-kriterji tal-ghazla peress illi dawn huma indikati b'mod tassattiv mill-artikolu 13(2) tal-Kapitolu 510 tal-Ligijiet ta' Malta. Skont l-attrici il-fatt illi dan l-artikolu juza l-kelma "ghandu" ifisser illi dan l-artikolu kellu jkun l-unika gwida ghall-ghazla ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni). Targumenta illi mis-sejha ghall-applikazzjonijiet kien diga jidher car li l-Bord ma kienx ta bizzejjed importanza lir-

rekwiziti stabbilit fl-artikolu 13(2) ghaliex persuna setghat tapplika bl-ewwel degree biss minghajr masters, jew b'masters minghajr ma jkollha l-professjoni mehtiega ta' avukat jew ekonomista u aghar minn hekk, la l-professjoni mehtiega u lanqas masters, u lanqas ma kienu rikjesti kompetenza rikonoxxuta u esperjenza. Hija targumenta li l-kriterji u s-sub-kriterji maghzula mill-Bord tal-Ghazla juru li l-Bord hadet il-ligi b'idejha billi ma harsitx ir-rekwiziti oggettivi tal-artikolu imsemmi u minflok hadet in konsiderazzjonijiet kriterji irrelevanti filwaqt li skartat konsiderazzjonijiet relevanti skont il-ligi.

Minn naha taghhom il-konvenuti membri tal-Bord tal-Ghazla jargumentaw fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom illi l-kriterji li fuqhom giet mahruga s-sejha huma entro l-parametri tal-ligi. Jargumentaw illi l-artikolu 13(2) m'ghandux jigi interpretat in vacuo, izda ghandu jittiehed in konsiderazzjoni wkoll l-artikolu 66(3) tal-istess ligi, li skont huma ma jhalli l-ebda dubbju li fil-kariga tieghu Direttur Generali huwa nvolut attivvament u responsabbli ghall-immanigjar tal-ufficcju li hu responsabbli ghalih u ghalhekk m'hemm xejn irrelevanti fil-konsiderazzjonijiet dwar *leadership* u *management* li bihom giet iggudikata l-attrici.

L-artikolu 13(2) tal-Kapitolu 510 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

> "Id-Direttur Generali (Kompetizzjoni) ghandu jkun persuna bi kwalifiki professjonali, kompetenza rikonoxxuta, esperjenza u specjalizzazzjoni fil-kamp tal-ligi tal-kompetizzjoni, u, jew fl-ekonomija tal-organizzazzjoni industrijali, u, preferibbilment, b'gharfien tal-affarijiet tal-konsumatur, u ghandu jigi mahtur mill-Bord wara konsultazzjoni mal-Ministru, ghal perjodu ta' tliet snin u dan il-perjodu jista' jigi mtawwal ghal perjodi ohra ta' tliet snin kull wiehed:"

Huwa minnu li skont il-ligi il-hatra tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) ghandha ssir mill-Bord tal-Gvernaturi wara konsultazzjoni mal-Ministru u li ghalhekk jista' jidher *prima facie* li d-decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi ma kinitx strettament skont il-ligi billi gie mahtur Bord tal-Ghazla. Pero jirrizulta illi l-Bord tal-Gvernaturi iddecieda ghal finijiet ta' trasparenza, u dan wara parir minghand l-Avukat Generali, li jkun ahjar jekk id-Direttur Generali ta' kull entita li tifforma parti mill-Awtorita jigi maghzul wara sejha pubblika ghall-applikazzjonijiet u evalwazzjoni minn Bord ta' Ghazla indipendenti mill-Awtorita. Il-Qorti qajla ssib x'ticcensura f'dan. Kien ikun mod iehor li kieku l-ligi kienet tipprovdi ghal process trasparenti u bbazat fuq meritokrazija ghall-ghazla ta' Direttur

Generali (Kompetizzjoni) u l-Bord tal-Gvernaturi ma segwix dan il-process u qabad u hatar persuna tal-ghazla tieghu direttament. Hawnhekk gara proprju l-kuntrarju. Il-ligi kienet taghti lil Bord tal-Gvernaturi l-fakulta li tappunta li min trid ghal din il-kariga basta dik il-persuna tkun tissodisfa r-rekwiziti minimi imposti fil-ligi, tramite process maghluq li jkunu privi ghalih biss il-Bord u l-Ministru responsabbli. Minflok il-Bord tal-Gvernaturi ghazel illi jaghmel sejha pubblika ghall-applikanti interessati u hatar Bord tal-Ghazla li fassal il-kriterji fuq liema l-kandidati kellhom jigu evalwati qabel ma saru l-intervisti tal-kandidati. Irrispettivament minn dak li ezattament gara f'din l-evalwazzjoni u l-legalita tal-kriterji mfassla, kwistjonijiet li l-Qorti ser tezamina aktar il-quddiem, dan l-eghmil tal-Bord tal-Gvernaturi mhux talli ma kienx censurabbli izda talli, almenu teoretikament, kien lodevoli. F'dan ir-rigward ukoll il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar l-argument kontradittorju maghmul mill-attrici li l-process tal-ghazla kien ivvizjat ghaliex il-Bord tal-Gvernaturi kellu l-ahhar kelma fil-hatra tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) meta l-Bord tal-Gvernaturi ma setghux jimxu mal-principju ta' smigh xieraq u *nemo judex in re sua* ghaliex kien ihaddan pregudizzju serju kontra l-attrici. Kieku l-Bord tal-Gvernaturi ghazel li jimxi strettament mal-ligi, id-Direttur Generali (Kompetizzjoni) kien jigi appuntat direttament minnu, wara konsultazzjoni mal-Ministru, minghajr l-ebda sejha ghall-applikazzjoni u minghajr l-ebda process tal-ghazla. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti rat illi mill-provi jirrizulta li l-Bord tal-Gvernaturi accetta d-decizjoni tal-Bord tal-Ghazla (kwistjoni li dwarha ironikament ukoll tilmenta l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha) u ghalhekk ma jirrizultax illi l-process kien mittifies minn kwalunkwe opinjoni li l-Bord tal-Gvernaturi seta' kellu fil-konfront tal-attrici.

Il-Qorti tkompli billi tirrileva illi ghalkemm huwa minnu illi l-ligi tistabilixxi b'mod car x'inhuma l-kriterji professjonali illi ghandu tassattivament ikollu d-Direttur Generali (Kompetizzjoni) dan ma jfissirx illi dawn huma l-unici kriterji illi jistghu jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-ghazla ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni). Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn il-kriterji jirraprezentaw il-minimu li huwa mehtieg mid-Direttur Generali (Kompetizzjoni), izda dan ma jfissirx illi fl-ghazla tal-ahjar kandidat ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni kriterji relevanti ohra li jwasslu ghall-ghazla tal-ahjar kandidat ghal din il-kariga. Wara kollox huwa minnu dak argumentat mill-konvenuti illi l-ligi tal-kompetizzjoni tistabilixxi wkoll responsabilitajiet ta' indoli manigerjali ghad-Direttur Generali (Kompetizzjoni). Ghalhekk hilijiet manigerjali jistghu ikunu relevanti fl-ghazla tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni), partikolarment sabiex issir distinzjoni bejn zewg

kandidati illi jkunu f'livell ugwali f'dak li ghandu x'jaqsam kwalifiki u esperjenza professjonali. Il-Qorti taqbel ukoll mal-argument tal-konvenuti illi galadarba hawn si tratta ta' kariga tassew gholja huwa ragonevoli illi jigi applikat *standard* gholi fl-ghazla tal-kandidati li jirrifletti l-kalibru ta' din il-posizzjoni, u li ghalhekk kien ragonevoli ghall-konvenuti li jezigu hiliet oltre dak il-minimu impost mill-ligi. Ghalhekk, ma jirrizultax illi l-konvenuti ezercitaw diskrezzjoni illi l-ligi ma taghtihomx bi ksur tad-dettami tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kaz odjern jirrizulta wkoll pruvat illi l-kriterji ghall-ghazla tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) gew stabbiliti qabel ma dahlu l-applikazzjonijiet tal-kandidati, u ghalhekk qabel ma l-konvenuti kienu jafu bic-cert min ser ikunu l-applikanti ghal din il-posizzjoni. Ghaldaqstant m'huwiex possibli ghal din il-Qorti tikkonkludi illi dawn il-kriterji gew imposti proprju sabiex tigi prekluza l-attrici milli tinstab illi hija idoneja, jew l-aktar applikant idoneju, ghall-kariga. Inoltre, il-kriterji stabbiliti mill-konvenuti gew applikabbli fir-rigward ta' kull applikant u ghalhekk ma jirrizultax illi dawn il-kriterji gew applikati biss fil-konfront tal-attrici bi pregudizzju kontra taghha. Ghalhekk din il-Qorti m'hjiex f'posizzjoni li tikkonkludi li dawn il-kriterji tal-ghazla gew stabbiliti ghal ghanijiet mhux xierqa.

Detto dan, il-Qorti taqbel mal-attrici illi l-konvenuti aggixxew ultra vires meta hargu s-sejha ghall-applikazzjoni billi kienu qed jitolbu kwalifiki ghall-eligbilita li kienu anqas mill-minimu stipulat fil-ligi. Fis-sejha ghall-applikazzjoni il-konvenuti stipulaw illi sabiex jitqies elegibbli applikant irid ikollu:

> "*a post-graduate degree (Masters) at MQF Level 7 in competition law and/or economics or an appropriate, recognised, comparable qualification, plus five (5) years relevant work experience of which two (2) years must be in a management position; or*
> *A first degree at MQF Level 6 in law and/or economics, or an appropriate, recognised, comparable qualification plus seven (7) years relevant work experience of which two (2) years must be in a management position; or*
> *Public Officers in a Scale not below Scale 7 with ten (10) years relevant work experience of which two (2) years must be in a management position."*

Huwa car li l-kriterji ta' eligibilita stipulati mill-konvenuti ma jirrispettawx id-dettami cari tal-ligi. Il-ligi tehtieg tassattivament illi Direttur Generali (Kompetizzjoni) ghandu jkollu "kwalifiki professjonali, kompetenza rikonoxxuta, esperjenza u specjalizzazzjoni fil-kamp tal-ligi tal-kompetizzjoni, u, jew fl-ekonomija tal-organizzazzjoni industrijali."

Ghalhekk il-konvenuti ma kellhomx diskrezzjoni li jqisu elegibbli persuni li ma kellhomx kwalifika fil-ligi u/jew fl-ekonomija. Inoltre, peress li l-ligi tirrikjedi "kwalifika professjonali" fil-ligi jew fl-ekonomija dan ifisser illi sabiex ikun eligibbli kandidat kellu tabilfors ikun avukat jew ekonomist di professjoni, bil-kwalifiki mehtiega sabiex jaghmel dan ix-xoghol. Barra minn hekk il-ligi tesigi wkoll tassattivament specjalizzazzjoni fil-kamp tal-ligi tal-kompetizzjoni u/jew fl-eknomija tal-organizazzjoni industrijali, u ghalhekk il-konvenuti ma kellhomx diskrezzjoni illi ma jitolbux specjalizzazjoni f'imqar wiehed minn dawn is-setturi bhala kriterju ta' elegibilita. Ghaldaqstant l-attrici ghandha ragun illi l-konvenuti marru kontra d-dettami tal-Kapitolu 510 tal-Ligijiet ta' Malta meta stabbilew kriterji ta' elegibilita li huma anqas mill-minimu stabbilit tassattivament fil-ligi.

Stabbilit dan, il-Qorti sejra issa tezamina jekk id-decizjoni tal-konvenuti kinitx wahda ragonevoli ai finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Maggur Ivan Consiglio vs L-Onorevoli Prim Ministru et** (PA 30/01/2020) fejn intqal hekk:

> "Illi tajjeb jitfakkar qabel xejn il-principju generali li meta tissindika ghemil amministrattiv, il-Qorti ma tistaqsix jekk dan kienx tajjeb jew hazin, bhalma jsir fil-kaz ta' appell, li jidhol fil-mertu, imma tistaqsi biss jekk dan kienx legali, igifieri jekk giex imhaddem fil-qafas tas-setghat moghtija mil-ligi. L-istharrig gudizzjarju huwa ghalhekk mekkanizmu fundamentali biex jizgura li l-awtoritajiet pubblici ma jaqbzux il-limiti taghhom u tigi mharsa s-saltna tad-dritt. Ghalhekk meta Qorti tissindika ghemil amministrattiv, hija tiddeciedi biss jekk dak l-ghemil ghandux jithassar jew le, izda ma tbiddilx decizjoni mehuda mill-awtorità pubblika li jkollha s-setgha li tiddecidieha b'ohra mehuda mill Qorti stess;
>
> Illi jista' jinghad li id f'id mal-kwestjoni tar-ragonevolezza ta' decizjoni jew ghemil amministrattiv, tidhol ukoll dik tar-rilevanza tal-kunsiderazzjonijiet li jintghamlu biex twassal ghat-tehid ta' tali decizjoni jew ghemil. Din ukoll hija wahda mill-kawzali li fuqhom l-attur isejjes il-kaz tieghu. Maghhom u minhabba l-kawzali specifika tat-thaddim tar-ragonevolezza, jidhol tabilfors l-element tat-thaddim tad-diskrezzjoni li l-ligi taghni biha lill-awtorità amministrattiva pubblika li tkun hadet dik id-decizjoni.
>
> […] Illi marbut sfiq ma' dawn il-principji wiehed isib ukoll it-test tar-ragonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Id-dmir li awtorità tagixxi ragonevolment mhux l-istess bhad-dmir li tagixxi bona fide. Ghalhekk, filwaqt li mhux kull ezercizzju ragonevoli ta' gudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irragonevoli kull ezercizzju ta' gudizzju zbaljat. F'kaz bhal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li ghandha tuza biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-decizjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittiehed minn persuni ragonevoli.

> Il-kejl tar-ragonevolezza jista' jitqies bhala l-mod kif ghemil amministrattiv ma jithalliex ikun agir arbitrarju jew kapriccuz. Izda jekk kemm-il darba jirrizulta li d-decizjoni amministrattiva taqa' fil-parametri tar-ragonevolezza, imbaghad il-Qorti ta' stharrig ma jifdlilha l-ebda setgha li tindahal fuq is-siwi ta' dik id-decizjoni jew tiddelibera dwar jekk kenitx taqbel maghha jew jekk kinitx tiddeciedi bhalha.
>
> Mhuwiex bilfors irragonevoli kull ezercizzju ta' gudizzju zbaljat."

Partikolarment relevanti ghall-mertu ta' din il-kawza huwa l-insenjament tal-awtur Gardner fil-ktieb tieghu Administrative Law (8th *edition,* p. 224) fis-sens illi:

> "*It is important to note that the Courts are here concerned with what factors were or were not considered in reaching a decision. They are not concerned here with how they were considered, or concerned with what weight was accorded to each. As Forbes J put it in Pickwell vs Camden London Borough Council (1983)*
>
> *'…the court is not concerned with whether due or proper weight is given to a material consideration: the weight to be given to such a matter is for the body exercising the discretion to determine..'*
>
> *To consider a matter and to conclude that the weight to be accorded to it is nil 'lies within the scope of discretion' and is 'not necessarily to be equated with ignoring' that consideration. In other words, the role of the reviewing court is simply to satisfy itself that the decision-making body addressed itself to all relevant factors, and ignored irrelevant factors, in coming to its conclusions*."

Il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin tirrifletti proprju dan il-hsieb. Hekk per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Attard vs Enemalta Corporation** (PA 05/10/2001) il-Qorti cahdet l-ilment tal-attur li l-Awtorita konvenuta ma kinitx ghamlet evalwazzjoni tajba tal-kapacitajiet tieghu wara li kkonsidrat hekk:

> "Il-Qorti taht l-artikolu 469(A) bhala qorti ta' revizjoni ma tidholx fil-kwistjoni ta' kif taw il-marki u ghaliex taw dawk il-marki u jekk saritx evalwazzjoni tajba tal-kapacitajiet ta' l-attur. Dawn huma affarijiet li kienu fid-diskrezzjoni ta' min ezamina u dina l-Qorti ma tidholx f'kwistjonijiet dwar jekk l-ezami kienx tajjeb jew le, jew jekk l-attur jafx ix-xoghol aktar minn dawk li ntghazlu."

L-attrici targumenta wkoll illi meta skada t-terminu taghha ma gietx appuntata Acting DG u minflok gie appuntat Marcel Pizzuto li huwa ferm anqas ikkwalifikat minnha u li minflok ma regghat giet appuntata direttament kienet inharget sejha ghall-applikazzjonijiet juri illi l-Awtorita konvenuta ma kellha l-ebda intenzjoni li terga tappunta lilha bhala Direttur Generali (Kompetizzjoni). F'dan ir-rigward, ghalkemm il-Qorti tifhem l-argument tal-attrici u tissimpatizza maghha, jibqa' fatt illi mill-aspett

purament legali l-attrici ma kellha l-ebda dritt jew aspettattiva legittima illi tigi appuntata Acting DG meta jiskadilha t-terminu jew li l-appuntament taghha jigi mgedded. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti tifhem il-posizzjoni tal-attrici, l-argumenti taghha f'dan ir-rigward ma tantx jistghu ikunu ta' konfort ghall-posizzjoni legali taghha f'azzjoni ta' din is-sura.

Detto dan, wara li gharblet bir-reqqa il-provi kollha prodotti mill-partijiet u s-sottomissjonijiet maghmula minnhom, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-ilment tal-attrici dwar l-irragonevolezza tal-eghmil tal-konvenuti huwa fondat, u dan minhabba s-segwenti zewg ragunijiet:

L-ewwel nett, il-Qorti tqis illi ghandu jkun ovju illi membri ta' Bord inkarigat bl-ghazla ta' karigi b'responsabbilitajiet partikolarment teknici ghandu jkollhom l-gharfien mehtieg sabiex jifhmu ezattament il-funzjonijiet ta' din il-kariga u konsegwentement dak li huwa rikjest mill-kandidati biex jaqdu sew il-funzjonijiet ta' din il-kariga. Il-fatt illi membri tal-bord ta' ghazla jkollhom l-gharfien u l-esperjenza necessarja biex jifhmu dak li huwa verament mehtieg ghall-kariga partikolari johloq serhan tal-mohh fil-kandidati u l-pubbliku in generali illi d-decizjoni li wasal ghaliha dak il-Bord kienet wahda msejsa fuq konsiderazzjonijiet relevanti. Dan huwa partikolarment importanti fis-settur pubbliku fejn hemm interess pubbliku generali fl-idonjeta tal-persuni maghzula ghall-karigi partikolari, partikolament dawk gholjin, kemm ghaliex dawn il-karigi huma ntizi proprju sabiex jaqdu l-interess pubbliku u kemm ghaliex wara kollox il-persuna maghzula ser tkun qed tithallas minn rizorsi pubblici u ghalhekk il-pubbliku ghandu jkun jista' jserrah mohhu li dawn ir-rizorsi qed jintnefqu sew. Il-kompetenza tal-membri ta' bord ta' ghazla fil-materja relevanti tohloq presunzjoni b'sahhitha illi dak il-bord sejjes id-decizjoni tieghu fuq konsiderazzjonijiet relevanti u li wasal ghal decizjoni ragonevoli sakemm il-provi ma jurux mod iehor.

Fil-kaz odjern jirrizulta illi l-Bord tal-Ghazla kien maghmul minn tlett membri u cioe Joseph Camilleri, li kien ic-Chairperson tal-Bord, Joseph Callus u Paulanne Mamo. Mix-xhieda ta' dawn l-istess individwi jirrizuta illi fiz-zmien relevanti:

i. Joseph Camilleri kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru tad-Djalogu Socjali, Huwa ghandu Diploma in Public Administration u Masters in Business

Administration. Ikkonferma *ex admissis* illi fiz-zmien relevanti ma kellu l-ebda esperjenza fil-kamp tal-kompetizzjoni;

ii. Joseph Callus kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura. Mistoqsi. Huwa gradwat f'*environmental health, agricultural sciences* u ghandu MBA. M'ghandux l-ebda kwalifiki fil-ligi jew fl-ekonomija, ghalkemm kien hadem fl-ufficcju ghal kompetizzjoni ghal sitt snin bhala Assistant Director Regulatory Services mill-2006.

iii. Paulanne Mamo kienet tokkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Gustizzja. Hija qualified accountant u ghandha Masters f'business administration u diploma fl-amministrazzjoni pubblika. Hija *ex admissis* qalet li m'ghandha l-ebda tahrig jew esperjenza fil-kamp tal-kompetizzjoni jew gharfien dwar dan il-kamp.

Ghalhekk mill-provi jirrizulta illi zewg terzi tal-membri tal-Bord tal-Ghazla ma kellhom l-ebda gharfien tal-ligi tal-kompetizzjoni jew esperjenza fis-settur. Il-membru rimanenti kien ghamel sitt snin jahdem fl-Ufficcju tal-Kompetizzjoni, izda dan minghajr kwalifiki fis-settur u inoltre qabel ma nbidlet il-ligi radikalment meta Malta ikkonformat il-posizzjoni taghha f'dan is-settur mal-ligijiet tal-Unjoni Ewropea. Ghalhekk din il-Qorti tqis illi ma jistax ikollha serhan tal-mohh illi l-Bord tal-Ghazla sejjes id-decizjoni tieghu fuq konsiderazzjonijiet relevanti. In-nuqqas ta' gharfien u esperjenza fil-kamp tal-ligi tal-kompetizzjoni tal-maggior parti tal-Bord tal-Ghazla johloq dubbji kbar dwar kemm dawn il-membri kienu kapaci jisiltu mill-ligi dawk il-konsiderazzjonijiet li huma relevanti fl-ghazla ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni) u jibbazaw id-decizjoni taghhom strettament fuq dawn il-konsiderazzjonijiet u mhux konsiderazzjonijiet irrelevanti. Il-fatt illi tnejn minn dawn il-membri tal-Bord kellhom esperjenza vasta bhala membri ta' Bordijiet tal-Ghazla huwa fil-fehma ta' din il-Qorti irrelevanti ghal finijiet ta' din il-kawza. Mill-ligi huwa car illi l-kariga ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni) tinvolvi responsabbilijiet u funzjonijiet tassew partikolari u ghalhekk esperjenza generali fl-ghazla ta' Diretturi ma tistax taghmel tajjeb ghal nuqqas ta' gharfien u esperjenza fil-kamp specjalizzat tal-kompetizzjoni.

Dawn id-dubbji mbaghad ma jsibux risoluzzjoni fix-xiehda tal-membri tal-Bord tal-Ghazla. Joseph Camilleri ma kien kapaci jitfa' l-ebda dawl fuq il-konsiderazzjonijiet li

fuqhom sejjes id-decizjoni tieghu u insista li ma kien jiftakar xejn dwar dak li staqsa lill-attrici, kemm ghaliex kien ghadda z-zmien u kemm ghaliex huwa ta' eta avvanzata. Minn naha taghha, Paulanne Mamo qalet li ftakret x'staqsiet lill-attrici, ghalkemm kienet kapaci tghid lil Qorti wahda biss mid-domandi li staqsiet, u cioe x'kienet il-vizjoni strategika tal-attrici ghall-Awtorita, kwistjoni din li necessarjament tehtieg gharfien sod tas-settur tal-kompetizzjoni sabiex Mamo setghat tkun tista' tifhem u tasal ghal dawk il-konsiderazzjonijiet li huma relevanti ghal finijiet tal-ghazla partikolari li kienet qed issir. Joseph Callus imbaghad xehed b'certu reticenza dwar id-decizjoni tieghu, tant illi f'punt minnhom wiegeb li ma staqx jirrispondi d-domanda tal-Qorti dwar jekk fil-fehma tieghu, u indipendentement mill-bqija tal-membri tal-Bord, l-attrici kinitx idoneja ghall-kariga ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni). Eventwalment Callus ammetta li fl-opinjoni tieghu l-attrici kienet il-persuna idoneja ghal din il-kariga izda l-Bord kien marbut bil-kriterji stabbiliti.

Ghaldaqstant din il-Qorti m'hijiex konvinta illi l-konvenuti bbazaw id-decizjoni taghhom fuq konsiderazzjonijiet relevanti. Il-kariga ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni) tinvolvi materja specjalizzata u teknika, u funzjonijiet verament partikolari ghal din il-kariga li jinvolvu mhux biss l-izviluppar tal-politika tal-kompetizzjoni ghall-pajjiz izda wkoll investigazzjonijiet forensi u d-difiza ta' kawzi quddiem it-Tribunal u quddiem il-Qorti. Ghalhekk l-abilitajiet u l-esperjenza rikjesta ghal din il-kariga m'humiex tal-istess natura ta' dawk rikjesti minn Diretturi b'mod generali, b'mod illi ghalhekk kien jehtieg li jsiru konsiderazzjonijiet partikolari ghal din il-kariga sabiex jirriflettu n-natura specjalizzata u partikolari tax-xoghol tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni). Mix-xiehda tal-membri tal-Bord tal-Ghazla ma jirrizultax illi l-membri ta' dan il-Bord, jew almenu il-maggior parti tieghu, kellhom l-gharfien u l-esperjenza rikjesta sabiex proprju jkunu jafu x'inhuma dawk il-konsiderazzjonijiet li huma relevanti ghal finijiet tal-ghazla ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni), u minn dan isegwi logikament li allura lanqas jirrizulta li l-Bord ibbaza d-decizjoni tieghu fuq konsiderazzjonijiet relevanti.

Fit-tieni lok, jirrizulta illi il-konvenuti ma osservawx strettament il-kriterji tal-ghazla illi huma stess stabbilew. Il-konvenuti attribwew total ta' 15 -il marka ghal kwalifiki tal-kandidati, maqsuma fi tlett marki ghal "First Degree", hames marki ghal "Masters" u seba' marki ghal PhD. Mix-xhieda rrizulta pero illi huma kienu qed jaghtu marka biss ghall-oghla degree u ma kienu qed jaghtu l-ebda marka ghal First Degree peress illi

dak kien wiehed mir-rekwiziti ghall-elegibilita. B'mod prattiku, jekk per ezempju kandidat kellu PhD kien jinghata seba' marki minn hmistax. Ghalhekk, ghalkemm il-konvenuti stabbilew regola cara dwar il-marki attribwibbli ghal livelli differenti ta' kwalifiki, huma arbitrarjament naqsu milli josservaw ir-regola taghhom stess u minflok holqu mod differenti u mhux maghruf lil kandidati ta' kif effettivament allokaw marki ghal kwalifiki. Huwa minnu li l-Qorti ma tissindikax il-mod kif jinghataw il-marki u li l-evalwazzjoni tal-kandidati hija kwistjoni imhollija fid-diskrezjoni tal-konvenuti. Pero din m'hijiex kwistjoni ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni fil-mod kif jigu allokat l-marki. Meta stabbilew il-kriterji tal-ghazla il-konvenuti rabtu ruhhom illi jiehdu in konsiderazzjoni First Degree u jallokaw tlett marki lil dawk il-kandidati li jkollhom dan id-degree, Masters degree kellu allokat hames marki u PhD allokat seba' marki. Ghalhekk, galadarba stabbilew regoli cari huma mbaghad ma kellhomx id-diskrezzjoni illi jinjorawhom. Mill-provi jirrizulta car illi l-konvenuti naqsu milli jiehdu in konsiderazzjoni il-First Degree tal-attrici, u cioe id-Dottorat fil-Ligi taghha, u dan minkejja illi skont ir-regoli stabbiliti minnhom stess dan il-degree kellu jinghata tlett marki. Ghalhekk huwa car li l-konvenuti naqsu milli jqisu konsiderazzjoni relevanti fid-decizjoni taghhom dwar l-indonjeta tal-attrici ghal kariga ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni).

Il-Qorti tosserva wkoll illi mis-*psychometric* test tal-attrici jirrizulta illi hija ghandha *higher than average leadership potential* u abilitajiet manigerjali u *interpersonal skills* tajbin. Pero ma jirrizultax illi l-Bord tal-Ghazla ha r-rizultat ta' dan it-test in konsiderazzjoni, u dan minkejja li kienet ideja tieghu li l-kandidati jissottomettu ruhhom ghal tali test.

Inoltre, fil-provi giet prodotta prova cara illi l-motivazzjoni principali wara d-decizjoni tal-konvenuti fir-rigward tal-kariga ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni) kienet imsejsa fuq konsiderazzjoni totalment irrelevanti li ma kellha xejn x'taqsam mal-kriterji tal-ghazla stabbiliti mill-konvenuti. Fit-3 ta' Novembru 2014 il-Bord tal-Ghazla issottometta rapport lill-Bord tal-Gvernaturi li appuntah intitolat "*Report on the Selection Process for Headship Positions Within the Malta Competition and Consumer Affairs Authority.*" F'dan ir-rapport il-Bord tal-Ghazla ghamel is-segwenti rimarka dwar il-kandidati ghal posizzjoni ta' DG tal-Kompetizzjoni:

> "*During the conduct of the interviews for the position of Director General (Office of Fair Competition) it was observed by the Selection Board that*

*applicants' replies show strong inclination and impression that this Office should work independently from the other branches of the Authority.*

*Whilst it is recognised that the "independency aspect" holds correct in the investigative part of the competition cases; according to the Consumer Affairs Act; the Director General (Office of Fair Competition) is one of Senior Management positions of the said Authority for which incumbents are expected to have a strong management ethos and leadership qualities complimented with a strong vision not only for the functioning of the Office of Competition; but the Authority as a whole*

*This point of observation has also been substantiated by the results of the psychometric testing.*

*On the basis of the above observations, the Selection Board feels that at this stage it may not recommend a potential candidate from the list of applicants interviewed. The Selection Board also suggests that the Board of Governors considers whether a review of the legislation is required to make this matter more clear and also to consider whether a wider extensive call is to be issued for this specific position."*

Dan ir-rapport jaghmilha cara illi konsiderazzjoni sostanzjali li fuqha sejjes id-decizjoni tieghu il-Bord tal-Ghazla, liema decizjoni giet sussegwentement accettata mill-Bord tal-Gvernaturi, kienet titratta l-opinjoni tal-kandidati dwar l-indipendenza u l-awtonomija tal-Direttur Generali (Kompetizzjoni). Din il-kwistjoni pero ma kinitx wahda mill-kriterji tal-ghazla stabbiliti mill-konvenuti. Apparti minn hekk, jirrizulta mix-xiehda illi l-Bord tal-Ghazla kien inhatar mill-Bord tal-Gvernaturi proprju minhabba li kien hemm divergenza bejn il-Bord tal-Gvernaturi u l-attrici dwar l-indipendenza u l-awtonomija tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) u ghalhekk il-Bord tal-Gvernaturi appunta l-Bord tal-Ghazla sabiex ma jkun hemm l-ebda dubbju illi l-process tal-ghazla ma kienx mittifes minn din il-konsiderazzjoni. Minflok jidher illi ghal xi raguni il-Bord tal-Ghazla mhux talli dahal fil-kwistjoni tal-indipendenza u l-awtonomija tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) izda talli bbaza d-decizjoni tieghu sostanzjalment fuq din il-konsiderazzjoni filwaqt li injora konsiderazzjonijiet relevanti kemm skont il-ligi u kemm skont il-kriterji stabbiliti minnu stess.

Minghajr ma tidhol fil-mertu tal-kwistjoni dwar l-indipendenza u l-awtonomija tal-ufficcju tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) il-Qorti tosserva, kif diga ghamlet aktar il-fuq, illi l-membri tal-Bord tal-Ghazla ma kellhom l-ebda gharfien jew esperjenza tal-kamp tal-ligi tal-kompetizzjoni. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti din id-decizjoni tal-

Bord tal-Ghazla ma tista' qatt titqies bhala wahda ragonevoli, in kwantu l-Bord wasal ghad-decizjoni tieghu mhux fuq il-kriterji stabbiliti izda fuq interpretazzjoni tal-ligi li huwa ma kienx kompetenti li jaghmel. Filfatt, dan in-nuqqas ta' gharfien tal-ligi johrog b'mod car fis-suggeriment tal-Bord biex tinhareg "*a wider extensive call*…*for this specific position*" meta din kienet xi haga li bil-ligi ma setghatx issir ikkonsidrat li l-ligi stess titlob li d-Direttur Generali (Kompetizzjoni) irid ikun tabilfors avukat jew ekonomista bi specjalizzazjoni fis-setturi indikati mill-ligi stess.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti jirrizulta car illi l-Bord tal-Ghazla sejjes id-decizjoni tieghu mhux strettament fuq il-kriterji tal-ghazla li kien stabilixxa huwa stess izda fuq konsiderazzjoni irrelevanti dwar l-indipendenza u l-awtonomija tal-ufficcju tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) li aghar minn hekk kienet ibbazata fuq interpretazzjoni tal-ligi maghmula minn persuni li m'humiex avukati jew esperti tal-ligi u li l-maggoranza taghhom ma kellhom l-ebda tahrig jew esperjenza fil-kamp tal-kompetizzjoni. Dawn il-membri tal-bord tal-ghazla kienu wkoll tal-opinjoni illi l-ligi m'hijiex cara fejn tidhol din il-kwistjoni tal-indipendenza u li ghalhekk ghandu jigi kkonsidrat li tigi emendata biex tigi ccarata. In vista ta' din in-nuqqas ta' kjarezza li skont dawn il-membri kienet tezisti fil-ligi, il-Qorti tqis illi kien tassew irragonevoli illi l-istess membri iddecidew li jfallu lil kandidati proprju a bazi tal-opinjoni personali taghhom dwar l-indipendenza tal-ufficcju tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni). Minn dan isegwi illi l-ilment tal-attrici ibbazat fuq l-artikolu 469A (1)(b)(iii) huwa fondat u qed jigi milqugh.

Dwar l-ilment tal-attrici li hemm ksur tal-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Tabib Dottor Daniel Grixti Soler et vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et** (PA 10/04/2015) fejn inghad illi "…awtorita' li hija moghnija b'diskrezzjoni tista' tigi ordnata tezercitaha f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, imma ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari." Din il-Qorti ma tistax taghmel dak li donnha qed tippretendi li taghmel l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u tiddeciedi illi hija kellha tigi maghzula bhala Direttur Generali (Kompetizzjoni) ghaliex dan imur oltre l-mansjoni ta' din il-Qorti f'kawza ta' din is-sura. Irrispettivament minn kemm setghat kienet idoneja ghall-kariga ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni) l-attrici, din il-Qorti ma tistax tezercita hija stess diskrezzjoni moghtija lill-Awtorita Pubbliku u tiddeciedi hi li l-attrici kienet l-aktar persuna idoneja ghal din il-kariga ai termini ta' dan l-artikolu. Imbaghad

ikkonsidrat li l-ebda kandidat ma gie maghzul minn dan il-process, zgur li ma jistax jinghad illi gie miksur l-artikolu 110(2)(c) tal-Kostituzzjoni billi gie moghti impjieg li m'huwiex fl-ahjar interess tas-servizz pubbliku u tan-nazzjon in generali.

Ghaldaqstant ir-raba' talba tal-attrici qed tigi michuda, filwaqt li qed jigu milqugha l-ewwel tlett talbiet attrici.

**It-talba ghad-danni**

L-attrici qed titlob li l-konvenuti jigu ordnati jhallsuha danni kemm fir-rigward tad-danni pekunarji allegatament sofferti minnha u kif ukoll ghad-danni morali ghal perjodu specifiku cioe bejn Mejju 2014 u Lulju 2015. Kemm mill-affidavit u kif ukoll min-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici jirrizulta illi hija qed tikkalkula d-danni sofferti minnha fuq il-paga ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni), bl-assunzjoni illi li kieku l-konvenuti ma aggixxewx kontra d-dettami tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kienet tibqa' tiehu l-paga ta' Direttur sa-data tal-konkors u r-rizultat, u li suppost kienet tkun hi li tigi maghzula bhala Direttur Generali (Kompetizzjoni) wara l-konkors.

Il-Qorti tqis pero illi din it-talba ma tistax tigi milqugha. Mill-atti jirrizulta illi l-kriterji stabbiliti ghall-ghazla ta' Direttur Generali (Kompetizzjoni) kienu gew stabbiliti u applikati fir-rigward tal-applikanti kollha u mhux tal-attrici biss. Jirrizulta wkoll illi konsiderazzjoni principali li fuqha sejsu d-decizjoni taghhom il-konvenuti u li din il-Qorti sabet li kienet irrelevanti, u cioe l-kwistjoni tal-indipendenza u l-awtonomija tal-ufficcju tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni), kienet konsiderazzjoni li ma gietx applikata unikament fil-konfront tal-attrici. Filfatt fir-rapport tieghu il-Bord tal-Ghazla jindika li kien hemm aktar minn applikant wiehed li esprima opinjoni dwar il-kwistjoni tal-indipendenza u l-awtonomija tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) u filfatt a bazi ta' din il-konsiderazzjoni huwa hassew li hadd mill-kandidati ma kien idoneju ghal din il-kariga.

Inoltre, kif diga inghad aktar il-fuq, din il-Qorti ma tistax tevalwa hi il-kandidati li ssottomettew applikazzjoni ghal din il-kariga u ma tistax tiddeciedi hi min minnhom kien l-aktar idoneju ghaliha. Ghalhekk din il-Qorti ma tista' taghmel l-ebda revizjoni tal-marki moghtija lit-tlett applikanti irrispettivament minn jekk hija taqbilx jekk dawn il-marki inghataw korrettament. Ghalhekk, ghal finijiet ta' dawn il-proceduri partikolari,

m’hemm l-ebda certezza li l-attrici kienet l-aktar persuna idoneja ghall-hatra mit-tlett appikanti.

Minn dan necessarjament isegwi illi t-talba ghad-danni pekunarji tal-attrici ma tistax tigi milqugha peress li m’hemmx ic-certezza necessarja li hi kienet tkun l-aktar persuna idoneja ghall-hatra li kieku ma kienx ghal eghmil b’nuqqasijiet serji tal-konvenuti kif konstatat f’din is-sentenza. Lanqas it-talba ghad-danni morali ma tista’ tigi milqugha ghaliex il-fatt illi l-konvenuti uzaw l-istess kriterji u konsiderazzjoni fil-konfront tal-kandidati kollha, irrispettivament mill-korrettezza jew relevanza o meno taghhom, jipprekludi sejbien ta’ *mala fede* fil-konfront tal-konvenuti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:

i. Tilqa’ in parte t-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u tiddikjara illi Joseph Camilleri bhala Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili, Paulanne Mamo u Joseph Callus bhala membri tas-Selection Panel u l-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili m’humiex legittimi kontraditturi f’din l-azzjoni u konsegwentement tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju;

ii. Tilqa’ t-tieni eccezzjoni fil-konfront ta’ Joseph Camilleri bhala Chairman tal-Bord tal-Ghazla limitatament fir-rigward tal-hames talba attrici;

iii. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames eccezzjoni preliminari;

iv. Tilqa’ l-eccezzjoni numru 6(c) u l-eccezzjoni numru 7;

v. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti;

vi. Tilqa’ l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attrici u konsegwentement tiddikjara l-process tal-ghazla ghal Direttur Generali (Kompetizzjoni) mertu ta’ dawn il-proceduri li nbeda b’sejha ghall-applikazzjoni ippublikata fit-12 ta’ Mejju 2014 null, invalidu u minghajr effett u ghaldaqstant thassar ir-rizultat mahrug mill-Bord tal-Ghazla u ratifikat mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita konvenuta, u tichad it-talbiet rimanenti tal-attrici.

L-ispejjez ta' Joseph Camilleri bhala Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili, Paulanne Mamo u Joseph Callus bhala membri tas-Selection Panel u l-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili jithallsu kollha mill-attrici. Il-bqija tal-ispejjez jithallsu in kwantu ghal 25% mill-attrici u in kwantu ghal 75% mill-bqija tal-konvenuti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur